



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2010/0377(COD)

28.6.2011

EMENDI 49 - 200

Abbozz ta' rapport
János Áder
(PE464.978v01-00)

dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi

Proposta għal direttiva
(COM(2010)0781 – C7-0011/2011 – 2010/0377(COD))

Emenda 49
Anna Rosbach

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-inċidenti kbar **ħafna drabi jkollhom** konsegwenzi serji, kif seħħ bl-inċidenti ta' Seveso, Bhopal, Schweizerhalle, Enschede, Toulouse u Buncefield. Barra minn hekk, l-impatt jista' jestendi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li tittieħed azzjoni ta' prekawzjoni xierqa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha għaċ-ċittadini, il-komunitajiet u l-ambjent.

Emenda

(2) L-inċidenti kbar **ikollhom** konsegwenzi serji, kif seħħ bl-inċidenti ta' Seveso, Bhopal, Schweizerhalle, Enschede, Toulouse u Buncefield. Barra minn hekk, l-impatt jista' jestendi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li tittieħed azzjoni ta' prekawzjoni xierqa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha għaċ-ċittadini, il-komunitajiet u l-ambjent.

Or. da

Emenda 50
Juozas Imbrasas

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) L-inċidenti kbar ħafna drabi jkollhom konsegwenzi serji, kif seħħ bl-inċidenti ta' Seveso, Bhopal, Schweizerhalle, Enschede, Toulouse u Buncefield. Barra minn hekk, l-impatt jista' jestendi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li tittieħed azzjoni ta' prekawzjoni xierqa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha għaċ-ċittadini, il-komunitajiet u l-ambjent.

Emenda

(2) L-inċidenti kbar ħafna drabi jkollhom konsegwenzi serji, kif seħħ bl-inċidenti ta' Seveso, Bhopal, Schweizerhalle, Enschede, Toulouse u Buncefield. Barra minn hekk, l-impatt jista' jestendi lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li tittieħed azzjoni ta' prekawzjoni xierqa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha għaċ-ċittadini, il-komunitajiet u l-ambjent. **Għalhekk, jeħtieġ li jinżamm il-livell għoli ta' protezzjoni eżistenti u jekk ikun possibbli jittejjeb.**

Emenda 51
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Id-Direttiva 96/82/KE kienet strumentali sabiex tnaqqas il-probabbiltà u l-konsegwenzi ta' inċidenti bħal dawn, u b'hekk twassal għal livelli ta' protezzjoni aħjar fl-Unjoni kollha. Reviżjoni tad-Direttiva kkonfermat li, b'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet eżistenti huma xierqa għall-iskop **u li l-ebda** bidliet **kbar mhuma** meħtieġa. **Madankollu**, is-sistema stabbilita bid-Direttiva 96/82/KE trid tiġi adattata għat-tibdiliet fis-sistema ta' klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi tal-Unjoni li għaliha din tirreferi. Barra minn hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet oħra jridu jiġu ċċarati u aġġornati.

Emenda

(3) Id-Direttiva 96/82/KE kienet strumentali sabiex tnaqqas il-probabbiltà u l-konsegwenzi ta' inċidenti bħal dawn, u b'hekk twassal għal livelli ta' protezzjoni aħjar fl-Unjoni kollha. Reviżjoni tad-Direttiva kkonfermat li **r-rata ta' inċidenti kbar baqgħet stabbli. Filwaqt li**, b'mod ġenerali, id-dispożizzjonijiet eżistenti huma xierqa għall-iskop, **diversi** bidliet **huma** meħtieġa **sabiex ikomplu jsaħħu l-livell ta' protezzjoni, partikolarment fir-rigward tal-prevenzjoni ta' inċidenti kbar. Fl-istess ħin**, is-sistema stabbilita bid-Direttiva 96/82/KE trid tiġi adattata għat-tibdiliet fis-sistema ta' klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi tal-Unjoni li għaliha din tirreferi. Barra minn hekk, għadd ta' dispożizzjonijiet oħra jridu jiġu ċċarati u aġġornati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-numru ta' inċidenti kbar baqa' stabbli fis-snin riċenti. 30 inċident kbir kull sena huma żżejjed. Għalhekk, huwa importanti li nieħdu l-opportunità mir-reviżjoni instigata mis-sistema ta' klassifikazzjoni l-ġdida biex jissaħħu d-dispożizzjonijiet importanti tad-direttiva.

Emenda 52
Antonia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 96/82/KE tiġi ssostitwita sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' protezzjoni eżistenti jinżammu u jitjiebu aktar, billi d-dispożizzjonijiet isiru aktar effettivi u effiċjenti u, fejn ikun possibbli, jitnaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa billi jiġu ssemplifikati **mingħajr ma tiġi kompromessa** s-sikurezza. Fl-istess waqt, id-dispożizzjonijiet ġodda għandhom ikunu ċari, koerenti u faċli biex tifhimhom ħalli jgħinu biex jitjiebu l-implimentazzjoni u l-infurzar.

Emenda

(4) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 96/82/KE tiġi ssostitwita sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' protezzjoni eżistenti jinżammu u jitjiebu aktar, billi d-dispożizzjonijiet isiru aktar effettivi u effiċjenti u, fejn ikun possibbli, jitnaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa billi jiġu ssemplifikati, **bil-kundizzjoni li s-sikurezza u l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika ma jiġux kompromessi**. Fl-istess waqt, id-dispożizzjonijiet ġodda għandhom ikunu ċari, koerenti u faċli biex tifhimhom ħalli jgħinu biex jitjiebu l-implimentazzjoni u l-infurzar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi żgurat li mhux biss il-livell tas-sikurezza m'għandux jiġi kompromess, iżda wkoll il-livell tal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika.

Emenda 53
Juozas Imbrasas

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 96/82/KE tiġi ssostitwita sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' protezzjoni eżistenti jinżammu u jitjiebu aktar, billi d-dispożizzjonijiet isiru aktar effettivi u effiċjenti u, fejn ikun possibbli, jitnaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa billi jiġu ssemplifikati mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza. Fl-istess waqt, id-dispożizzjonijiet ġodda għandhom ikunu ċari, koerenti u faċli biex tifhimhom ħalli jgħinu biex jitjiebu l-implimentazzjoni u l-infurzar.

Emenda

(4) Għaldaqstant huwa xieraq li d-Direttiva 96/82/KE tiġi ssostitwita sabiex jiġi żgurat li l-livelli ta' protezzjoni eżistenti jinżammu u jitjiebu aktar, billi d-dispożizzjonijiet isiru aktar effettivi u effiċjenti u, fejn ikun possibbli, jitnaqqsu piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa billi jiġu ssemplifikati mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza. Fl-istess waqt, id-dispożizzjonijiet ġodda għandhom ikunu ċari, koerenti u faċli biex tifhimhom ħalli jgħinu biex jitjiebu l-implimentazzjoni u l-infurzar, **filwaqt li l-livell ta' protezzjoni**

għas-saħħa u l-ambjent għandu għall-anqas jibqa' l-istess jew jiżdied.

Or. It

Emenda 54

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Ċerti attivitajiet industrijali għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva ***minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Dawn l-attivitajiet huma*** soġġetti għal liġijiet oħra tal-Unjoni jew oħrajn nazzjonali li jipprovdu livell ekwivalenti ta' sikurezza. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkompli tiżgura li ma jkun hemm l-ebda nuqqasijiet sinifikanti fil-qafas regolatorju eżistenti, partikolarment rigward riskji ġodda u oħrajn emerġenti minn attivitajiet oħrajn, u tiegħu azzjoni xierqa meta jkun meħtieġ.

Emenda

(8) Ċerti attivitajiet industrijali għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva, ***bil-kundizzjoni li jkun*** soġġetti għal liġijiet oħra tal-Unjoni jew oħrajn nazzjonali li jipprovdu livell ekwivalenti ta' sikurezza. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tkompli tiżgura li ma jkun hemm l-ebda nuqqasijiet sinifikanti fil-qafas regolatorju eżistenti, partikolarment rigward riskji ġodda u oħrajn emerġenti minn attivitajiet oħrajn ***kif ukoll minn sustanzi perikolużi speċifiċi li għadhom ma jaqgħux fl-ambitu ta' din id-Direttiva,*** u tiegħu azzjoni xierqa meta jkun meħtieġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqasijiet fl-ambitu jistgħu mhumiex relatati biss mal-attivitajiet industrijali li huma esklużi, iżda wkoll mas-sustanzi li għadhom mhumiex inklużi. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawn iż-żewġ aspetti.

Emenda 55

Patrice Tirolien, Gilles Pargneaux

Proposta għal direttiva

Premessa 8 a (ġdida)

(8a) Minħabba l-insularità tagħhom u minħabba n-nuqqasijiet strutturali dovuti għat-territorju żgħir tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea għandhom kapacià limitata ta' produzzjoni tal-elettriku u ta' importazzjoni, li tinfluwenza s-sigurtà tal-provvista tagħhom. F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi aċċertat li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma jippreġudikawx il-provvista tal-elettriku lil dawn il-gżejjer u li jkunu jistgħu jiġu adattati skont dan.

Or. fr

Emenda 56

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Premessa 9

(9) L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE jelenka s-sustanzi perikolużi li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tagħha, inter alia b'referenza għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi⁶ kif ukoll id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi⁷. Dawk id-

(9) L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE jelenka s-sustanzi perikolużi li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tagħha, inter alia b'referenza għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi⁶ kif ukoll id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi⁷. Dawk id-

Direttivi ġew issostitwiti bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet⁸, li timplimenta fi ħdan l-Unjoni s-Sistema Armonizzata Globalment ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) li ġiet adottata f'livell internazzjonali, fl-istruttura tan-Nazzjonijiet Uniti. Dak ir-Regolament jintroduċi klassijiet u kategoriji ġodda ta' perikli korrispondenti parzjalment biss għal dawk użati taħt l-arranġamenti ta' qabel. L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE, għalhekk, jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi allinjat ma' dak ir-Regolament **filwaqt li jinżammu l-livelli** ta' protezzjoni eżistenti ta' dik id-Direttiva.

Direttivi ġew issostitwiti bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet⁸, li timplimenta fi ħdan l-Unjoni s-Sistema Armonizzata Globalment ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) li ġiet adottata f'livell internazzjonali, fl-istruttura tan-Nazzjonijiet Uniti. Dak ir-Regolament jintroduċi klassijiet u kategoriji ġodda ta' perikli korrispondenti parzjalment biss għal dawk użati taħt l-arranġamenti ta' qabel. **Fl-istess ħin, dan m'għandux ċerti klassijiet ta' perikli importanti, billi dawn mhumiex parti mis-Sistema Armonizzata Globalment ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi.** L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE, għalhekk, jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi allinjat ma' dak ir-Regolament **u biex jiġu indirizzati nuqqasijiet f'dak ir-Regolament biex jinżamm u jkompli jiżdied il-livell** ta' protezzjoni eżistenti ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sustanzi li huma persistenti, bioakkumulattivi u tossiċi, u anke dawk li huma persistenti ħafna u bioakkumulattivi ħafna mhumiex indirizzati fir-Regolament CLP, madankollu dawn jistgħu jgħallqu problemi fit-tul f'każ ta' inċident u għalhekk għandhom jiġu inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva.

Emenda 57
Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE jelenka s-sustanzi perikolużi li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tagħha, inter alia b'referenza

Emenda

(9) L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE jelenka s-sustanzi perikolużi li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tagħha, inter alia b'referenza

għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi kif ukoll id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi. Dawk id-Direttivi ġew issostitwiti bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li timplimenta fi ħdan l-Unjoni s-Sistema Armonizzata Globalment ta' Klassifikazzjoni u Tikkettjar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) li ġiet adottata f'livell internazzjonali, fl-istruttura tan-Nazzjonijiet Uniti. Dak ir-Regolament jintroduċi klassijiet u kategoriji ġodda ta' perikli korrispondenti parzjalment biss għal dawk użati taħt l-arranġamenti ta' qabel. L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE, għalhekk, jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi allinjat ma' dak ir-Regolament filwaqt li jinżammu l-livelli ta' protezzjoni eżistenti ta' dik id-Direttiva.

għal ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi kif ukoll id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi. Dawk id-Direttivi ġew issostitwiti bir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li timplimenta fi ħdan l-Unjoni s-Sistema Armonizzata Globalment ta' Klassifikazzjoni u Tikkettjar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) li ġiet adottata f'livell internazzjonali, fl-istruttura tan-Nazzjonijiet Uniti. Dak ir-Regolament jintroduċi klassijiet u kategoriji ġodda ta' perikli korrispondenti parzjalment biss għal dawk użati taħt l-arranġamenti ta' qabel. ***Ċerti kategoriji ta' perikli madankollu ma jiġux ikklassifikati taħt dik is-sistema minħabba l-assenza ta' kriterja f'dak il-qafas.*** L-Anness I għad-Direttiva 96/82/KE, għalhekk, jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi allinjat ma' dak ir-Regolament filwaqt li jinżammu l-livelli, ***jew ikompli jiżdied il-livell,*** ta' protezzjoni eżistenti ta' dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 58
Richard Seeber

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-flessibbiltà hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi emendat l-Anness I biex jittratta kwalunkwe effetti mhux mixtieqa mill-allinjament għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-adattamenti sussegwenti għal dak ir-Regolament li jkollhom impatt fuq il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi. Fuq il-bażi ta' kriterji armonizzati li jridu jiġu żviluppati, jistgħu jingħataw derogi fejn, minkejja l-klassifikazzjoni tal-periklu tagħhom, is-sustanzi ma jkun jippreżentaw l-ebda periklu ta' inċidenti kbar. Irid ikun hemm ukoll mekkaniżmu ta' korrezzjoni li jikkorrispondi biex jittratta sustanzi li jeħtieġ li jiġu inklużi fi ħdan l-ambitu ta' din id-Direttiva minħabba l-potenzjal tagħhom għal periklu ta' inċident kbir.

Emenda

(10) Il-flessibbiltà hija meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi emendat l-Anness I biex jittratta kwalunkwe effetti mhux mixtieqa mill-allinjament għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-adattamenti sussegwenti għal dak ir-Regolament li jkollhom impatt fuq il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi. Fuq il-bażi ta' kriterji armonizzati li jridu jiġu żviluppati, jistgħu jingħataw derogi fejn, minkejja l-klassifikazzjoni tal-periklu tagħhom, is-sustanzi ma jkun jippreżentaw l-ebda periklu ta' inċidenti kbar. ***Il-valutazzjoni ta' derogi possibbli għandha tibda immedjatament, b'mod partikolari wara l-bidla fil-klassifikazzjoni ta' sustanza perikoluża, biex jiġu evitati piżijiet mhux meħtieġa għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti.*** Irid ikun hemm ukoll mekkaniżmu ta' korrezzjoni li jikkorrispondi biex jittratta sustanzi li jeħtieġ li jiġu inklużi fi ħdan l-ambitu ta' din id-Direttiva minħabba l-potenzjal tagħhom għal periklu ta' inċident kbir.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mekkaniżmu tal-Artikolu 4 huwa pożittiv. Madankollu, fil-każ ta' bidla fil-klassifikazzjoni ta' sustanza perikoluża, il-valutazzjoni ta' din id-deroga mill-ambitu tad-Direttiva għandha tibda minnufih. Din tevita li jkun hemm piżijiet regolatorji u amministrattivi li ma jkunux meħtieġa.

Emenda 59

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Il-flessibbiltà hija meħtieġa sabiex

Emenda

(10) Il-flessibbiltà hija meħtieġa sabiex

ikun jista' jiġi emendat l-Anness I biex jittratta kwalunkwe effetti mhux mixtieqa mill-allinjament għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-adattamenti sussegwenti għal dak ir-Regolament li jkollhom impatt fuq il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi. Fuq il-bażi ta' kriterji armonizzati **li jridu jiġu żviluppati**, jistgħu jingħataw derogi fejn, minkejja l-klassifikazzjoni tal-periklu tagħhom, is-sustanzi ma jkunu jippreżentaw l-ebda periklu ta' inċidenti kbar. Irid ikun hemm ukoll mekkaniżmu ta' korrezzjoni li jikkorrispondi biex jittratta sustanzi li jeħtieġ li jiġu inklużi fi ħdan l-ambitu ta' din id-Direttiva minħabba l-potenzjal tagħhom għal periklu ta' inċident kbir.

ikun jista' jiġi emendat l-Anness I biex jittratta kwalunkwe effetti mhux mixtieqa mill-allinjament għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-adattamenti sussegwenti għal dak ir-Regolament li jkollhom impatt fuq il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi. Fuq il-bażi ta' kriterji armonizzati, jistgħu jingħataw derogi fejn, minkejja l-klassifikazzjoni tal-periklu tagħhom, is-sustanzi ma jkunu jippreżentaw l-ebda periklu ta' inċidenti kbar. Irid ikun hemm ukoll mekkaniżmu ta' korrezzjoni li jikkorrispondi biex jittratta sustanzi li jeħtieġ li jiġu inklużi fi ħdan l-ambitu ta' din id-Direttiva minħabba l-potenzjal tagħhom għal periklu ta' inċident kbir.

Or. en

(Emenda tal-Premessa li tikkorrispondi għall-emendi 10 u 48 tar-rapporteur.)

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji għad-derogi għandhom jiġu adottati mil-leġiżlatur. Tali kriterji huma proposti fl-emenda 48 proposti mir-rapporteur. Għalhekk, m'għadx hemm bżonn ta' referenza għall-iżvilupp tagħhom fil-futur.

Emenda 60

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex żoni residenzjali, żoni ta' użu pubbliku sostanzjali u dawk ambjentali inklużi żoni ta' interess jew sensitività naturali partikolari, jiġu pprovduti bi protezzjoni akbar huwa meħtieġ li l-politiki tal-użu tal-art jew oħrajn rilevanti li jiġu applikati fl-Istati Membri **jikkunsidraw il-ħtieġa, fuq medda ta' żmien twil, li tinżamm** distanza **xierqa** bejn dawn iż-żoni u l-istabbilimenti li jippreżentaw perikli

Emenda

(15) Sabiex żoni residenzjali, żoni ta' użu pubbliku sostanzjali u dawk ambjentali inklużi żoni ta' interess jew sensitività naturali partikolari, jiġu pprovduti bi protezzjoni akbar huwa meħtieġ li l-politiki tal-użu tal-art jew oħrajn rilevanti li jiġu applikati fl-Istati Membri **biex jiġi iżgurati li tinżamm** distanza **xierqa** bejn dawn iż-żoni u l-istabbilimenti li jippreżentaw perikli bħal dawn u, fejn l-istabbilimenti eżistenti

bħal dawn u, fejn l-istabbilimenti eżistenti huma kkonċernati, **li jikkunsidraw ukoll il-miżuri** tekniċi addizzjonali sabiex ir-riskju għall-persuni **ma jiżdiedx**. Informazzjoni suffiċjenti dwar ir-riskji u l-parir tekniku dwar dawn ir-riskji iridu jiġu kkunsidrati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet. Fejn ikun possibbli, sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-proċeduri għandhom jiġu integrati magħhom taħt leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

huma kkonċernati, **biex jiġu implimentati l-miżuri** tekniċi addizzjonali sabiex ir-riskju għall-persuni **jitnaqqas għal livell aċċettabbli**. Informazzjoni suffiċjenti dwar ir-riskji u l-parir tekniku dwar dawn ir-riskji iridu jiġu kkunsidrati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet. Fejn ikun possibbli, sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-proċeduri għandhom jiġu integrati magħhom taħt leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ippjanar tal-użu tal-art kif ukoll il-miżuri tekniċi għall-istallazzjonijiet eżistenti jeħtieġ li jiġu implimentati bis-sħiħ biex jitnaqqas ir-riskju għal livell aċċettabbli.

Emenda 61 **Åsa Westlund**

Proposta għal direttiva **Premessa 15**

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Sabiex żoni residenzjali, żoni ta' użu pubbliku sostanzjali u dawk ambjentali inklużi żoni ta' interess jew sensitività naturali partikolari, jiġu pprovduti bi protezzjoni akbar huwa meħtieġ li l-politiki tal-użu tal-art jew oħrajn rilevanti li jiġu applikati fl-Istati Membri jikkunsidraw il-ħtieġa, fuq medda ta' żmien twil, li tinżamm distanza xierqa bejn dawn iż-żoni u l-istabbilimenti li jippreżentaw perikli bħal dawn u, fejn l-istabbilimenti eżistenti huma kkonċernati, li jikkunsidraw ukoll il-miżuri tekniċi addizzjonali sabiex ir-riskju għall-persuni ma jiżdiedx. Informazzjoni suffiċjenti dwar ir-riskji u l-parir tekniku dwar dawn ir-riskji iridu jiġu kkunsidrati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet. Fejn ikun possibbli, sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-proċeduri għandhom

Emenda

(15) Sabiex żoni residenzjali, żoni ta' użu pubbliku sostanzjali u dawk ambjentali inklużi żoni ta' interess jew sensitività naturali partikolari, jiġu pprovduti bi protezzjoni akbar huwa meħtieġ li l-politiki tal-użu tal-art jew oħrajn rilevanti li jiġu applikati fl-Istati Membri jikkunsidraw il-ħtieġa, fuq medda ta' żmien twil, li tinżamm distanza xierqa bejn dawn iż-żoni u l-istabbilimenti li jippreżentaw perikli bħal dawn u, fejn l-istabbilimenti eżistenti huma kkonċernati, li jikkunsidraw ukoll il-miżuri tekniċi addizzjonali sabiex ir-riskju għall-persuni **jew għall-ambjent** ma jiżdiedx. Informazzjoni suffiċjenti dwar ir-riskji u l-parir tekniku dwar dawn ir-riskji iridu jiġu kkunsidrati meta jittieħdu d-deċiżjonijiet. Fejn ikun possibbli, sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, il-

jigü integrati magħhom taħt leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

proċeduri għandhom jigü integrati magħhom taħt leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 62

Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex jigü promoss l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, li kienet approvata f' isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f' isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali¹, il-livell u l-kwalità tal-informazzjoni għall-pubbliku għandhom jitjiebu. B' mod partikolari, persuni li x'aktarx ikunu affettwati minn inċident kbir għandhom jingħataw informazzjoni suffiċjenti biex tinformahom dwar l-azzjoni korretta li trid tittieħed f' dik l-eventwalità. Barra li ttipprovi informazzjoni b' mod attiv, mingħajr ma l-pubbliku jkollu għalfejn jagħmel talba, u mingħajr ma jigü evitati forom oħra ta' tixrid, din trid tkun ukoll disponibbli b' mod permanenti u tinżamm aġġornata fuq l-internet. Fl-istess waqt irid ikun hemm salvagwardji ta' kunfidenzjalità xierqa, biex jindirizzaw problemi relatati

Emenda

(16) Sabiex jigü promoss l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, li kienet approvata f' isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f' isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali², il-livell u l-kwalità tal-informazzjoni għall-pubbliku għandhom jitjiebu. B' mod partikolari, persuni li x'aktarx ikunu affettwati minn inċident kbir għandhom jingħataw informazzjoni suffiċjenti biex tinformahom dwar l-azzjoni korretta li trid tittieħed f' dik l-eventwalità. Barra li ttipprovi informazzjoni b' mod attiv, mingħajr ma l-pubbliku jkollu għalfejn jagħmel talba, u mingħajr ma jigü evitati forom oħra ta' tixrid, din trid tkun ukoll disponibbli b' mod permanenti u tinżamm aġġornata fuq l-internet. ***Sabiex ikun hemm trasparenza akbar, l-informazzjoni aktar iddettaljata u aktar komprensiva,***

¹ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.

² ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.

mas-sikurezza, fost ħwejjeġ oħra.

inkluż fil-forma ta' dokumenti, għandha ssir disponibbli wara li ssir talba għaliha. Fl-istess waqt irid ikun hemm salvagwardji ta' kunfidenzjalità xierqa, biex jindirizzaw problemi relatati mas-sikurezza, fost ħwejjeġ oħra, ***biex jiġu pprovduti fuq bażi ta' każ b'każ, skont kriterji restrittivi u kundizzjonijiet stipulati skont fil-Konvenzjoni ta' Aarhus.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li jirrispetta s-salvagwardji ta' kunfidenzjalità, l-aċċess għal informazzjoni addizzjonali jew għal dokumenti wara li ssir talba għalihom minn kwalunkwe persuna fiżika/ġuridika, itejjeb it-trasparenza u l-fiduċja pubblika fis-sikurezza tal-istallazzjonijiet industrijali. It-trattament tat-talbiet biex ikun hemm kunfidenzjalità għandu jkun soġġett għall-Konvenzjoni ta' Aarhus sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva emendata tiġi allinjata bis-sħiħ mal-Konvenzjoni li hija rratifikata mill-UE u s-27 Stat Membru kollha.

Emenda 63 **Åsa Westlund**

Proposta għal direttiva **Premessa 16**

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Sabiex jiġi promoss l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, li kienet approvata f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali¹, il-livell u l-kwalità tal-informazzjoni għall-

¹ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.

² ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.

Emenda

(16) Sabiex jiġi promoss l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-ambjent, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, li kienet approvata f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali², il-livell u l-kwalità tal-informazzjoni għall-

pubbliku għandhom jitjiebu. B'mod partikolari, persuni li x'aktarx ikunu affettwati minn inċident kbir għandhom jingħataw informazzjoni suffiċjenti biex tinformahom dwar l-azzjoni korretta li trid tittieħed f'dik l-eventwalità. Barra li tipprovdi informazzjoni b'mod attiv, mingħajr ma l-pubbliku jkollu għalfejn jagħmel talba, u mingħajr ma jiġu evitati forom oħra ta' tixrid, din trid tkun ukoll disponibbli b'mod permanenti u tinżamm aġġornata fuq l-internet. Fl-istess waqt irid ikun hemm salvagwardji ta' kunfidenzjalità xierqa, **biex jindirizzaw problemi relatati mas-sikurezza, fost ħwejjeġ oħra.**

pubbliku għandhom jitjiebu. B'mod partikolari, persuni li x'aktarx ikunu affettwati minn inċident kbir għandhom jingħataw informazzjoni suffiċjenti biex tinformahom dwar l-azzjoni korretta li trid tittieħed f'dik l-eventwalità. Barra li tipprovdi informazzjoni b'mod attiv, mingħajr ma l-pubbliku jkollu għalfejn jagħmel talba, u mingħajr ma jiġu evitati forom oħra ta' tixrid, din trid tkun ukoll disponibbli b'mod permanenti u tinżamm aġġornata fuq l-internet. Fl-istess waqt irid ikun hemm salvagwardji ta' kunfidenzjalità xierqa, **fuq bażi ta' każ b'każ, skont il-kriterji u l-kundizzjonijiet stipulati skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus.**

Or. en

Emenda 64 **Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato**

Proposta għal direttiva **Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, parteċipazzjoni pubblika effettiva **fit-teħid ta' deċiżjonijiet** hija meħtieġa biex tippermetti lill-pubbliku jesprimi, u lil min jieħu d-deċiżjonijiet jikkunsidra, l-opinjoni u t-tħassib li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk id-deċiżjonijiet, u b'hekk iżżid ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tikkontribwixxi għall-għarfien pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali kif ukoll appoġġ għad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu. Il-membri tal-pubbliku konċernati għandu jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali.

Emenda

(18) Skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, **konsultazzjoni** effettiva **mal-membri tal-pubbliku konċernati** hija meħtieġa biex tippermetti lill-pubbliku jesprimi, u lil min jieħu d-deċiżjonijiet jikkunsidra, l-opinjoni u t-tħassib li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk id-deċiżjonijiet, u b'hekk iżżid ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tikkontribwixxi għall-għarfien pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali kif ukoll appoġġ għad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu. **Dawn il-konsultazzjonijiet, f'kull każ, m'għandhomx tikkostitwixxu dewmien jew kumplikazzjonijiet mhux xierqa fir-rigward taż-żminijiet tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-azzjonijiet u tal-implimentazzjoni tagħhom.** Il-membri tal-

pubbliku konċernati għandu jkollhom
aċċess għall-ġustizzja sabiex
jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-dritt
għall-ħajja f' ambjent li huwa adegwat
għas-saħħa u l-benesseri personali.

Or. it

Emenda 65
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Premessa 20 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Sabiex jipprovdu inċentivi għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi u biex jiġu koperti l-ispejjeż għall-awtoritajiet kompetenti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu fond. Il-fond għandu jiġi ffinanzjat mill-operaturi u jkun proporzjonali mal-kwalitajiet ta' sustanzi perikolużi li jkun fih l-istabbiliment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa propost fond biex a) iħeġġeġ lill-operaturi jinvestu f'miżuri maħsuba għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi, u b) ikopri l-ispejjeż relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva minn awtoritajiet kompetenti.

Emenda 66
Gaston Franco, Amalia Sartori, Françoise Grossetête, Sophie Auconie, Julie Girling

Proposta għal direttiva
Premessa 22 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Għandha ssir evalwazzjoni sistematika dwar il-ħtieġa li l-anness ta'

din id-Direttiva, li jinkludi lista tas-sustanzi perikolużi, jiġi addatat abbażi tal-adattamenti għall-progress tekniku tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan jippermetti li tiġi żgurata rabta funzjonali bejn l-imsemmi Regolament u din id-Direttiva, u jippermetti wkoll li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Or. fr

Emenda 67
Cristian Silviu Buşoi

Proposta għal direttiva
Premessa 22 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Għandha ssir evalwazzjoni sistematika dwar il-ħtieġa li l-anness ta' din id-Direttiva, li jinkludi lista tas-sustanzi perikolużi, jiġi addatat abbażi tal-adattamenti għall-progress tekniku tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan jippermetti li tiġi żgurata rabta funzjonali bejn l-imsemmi Regolament u din id-Direttiva, u jippermetti wkoll li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-adattament tal-ambitu tad-Direttiva Seveso għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP) għandu jsir proċess kontinwu, kif tindika l-istess natura tas-CLP.

Emenda 68
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(23) ***Il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter*** li tadotta atti ***ta' delega*** skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward ***tal-adozzjoni ta' kriterji għal derogi u emendi għall-Annessi*** ta' din id-Direttiva.

(23) ***Sabiex tiġi adattata din id-Direttiva għall-progress tekniku u xjentifiku, is-setgħa*** li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa għandha tiġi ddelegata lil-Kummissjoni*** fir-rigward ***tal-emendi tal-Parti 3 tal-Anness I, u tal-Annessi II, III, IV u VI*** ta' din id-Direttiva. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, filwaqt li tipprepara u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Anness V jistipula l-punti ta' informazzjoni għall-pubbliku. Dan huwa element essenzjali u għandu jiġi deċiż mil-leġislator, u għalhekk m'għandux ma jkunx jista' jiġi mmodifikat minn att ta' delega.

Emenda 69
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) stabbilimenti, stallazzjonijiet jew faċilitajiet ta' ħażna militari;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-valutazzjoni tar-riskju, m'hemm l-ebda raġuni biex jiġu esklużi l-istabbilimenti militari filwaqt li tiġi protetta l-kunfidenzjalità dwar il-kwistjonijiet ta' sikurezza marbuta

mal-politiki ta' difiża ta' kull Stat Membru, u r-restrizzjoni tal-informazzjoni mogħtija lill-pubbliku tista' tiġi inkluża u soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21.

Emenda 70
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) stabbilimenti, stallazzjonijiet jew faċilitajiet ta' ħażna militari;

Emenda

(a) stabbilimenti, stallazzjonijiet jew faċilitajiet ta' ħażna militari **sakemm ma jkunux il-proprjetà tal-awtoritajiet militari kompetenti tal-Istati Membri jew inkella ġestiti direttament minnhom;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma biss l-istabbilimenti militari li mhumiex soġġetti għall-awtorità diretta tal-Istati Membri rispettivi, skont il-ftehimiet internazzjonali u l-ġuriżdiżjoni tal-obbligi, li jistgħu jiġu esklużi mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

Emenda 71
Anna Rosbach

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) stabbilimenti, stallazzjonijiet jew faċilitajiet ta' ħażna militari;

Emenda

(a) stabbilimenti, stallazzjonijiet jew faċilitajiet ta' ħażna militari **użati biss għall-fini militari;**

Or. da

Emenda 72
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-trasport ta' sustanzi perikolużi **u l-*ħażna temporanja intermedja*** bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, ***inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzijiet oħra ta' trasport f'baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi;***

Emenda

(c) it-trasport ta' sustanzi perikolużi bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parti l-kbira tal-inċidenti saru waqt it-tagħbija u l-ħatt ta' sustanzi perikolużi minn siti ta' ħażna intermedja jew temporanji għal mezzijiet ta' trasport minħabba n-nuqqas ta' regoli dwar il-kwistjonijiet ta' sikurezza meta jkun qed jiġu ppreparati jew mitmuma l-kompiti speċifiċi relatati mat-trasport tagħhom.

Emenda 73
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-trasport ta' sustanzi perikolużi u l-*ħażna temporanja intermedja* bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzijiet oħra ta' trasport f'baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi;

Emenda

(c) it-trasport ta' sustanzi perikolużi u l-*ħażna temporanja intermedja*, ***sakemm ma jsirx fuq bażi regolari jew għal perjodi li jaqbu l-24 siegħa fil-ġranet tax-xogħol jew 72 siegħa meta jiġi inkluż tmiem il-*ġimgħa****, bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzijiet oħra ta' trasport f'baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

“Iż-żoni ta’ ħażna temporanja intermedja” jistgħu jikkonsistu l-istess riskju bħall-faċilitajiet ta’ ħażna permanenti, meta l-ħażna ssir regolament jew għal perjodi itwal. Dawn ir-riskji mhumiex indirizzati b’mod xieraq fil-liġi tat-trasport. Jekk is-sustanzi perikolużi jinħażnu f’żona fuq bażi regolari jew għal perjodi itwal, tali faċilitajiet ta’ ħażna m’għandhomx jiġu eżentati minn din id-Direttiva, minħabba li inkella jkun hemm lakuna sinifikanti.

Emenda 74 Åsa Westlund

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-trasport ta’ sustanzi perikolużi u l-ħażna temporanja intermedja bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b’din id-Direttiva, inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzji oħra ta’ trasport f’baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi;

Emenda

(c) it-trasport ta’ sustanzi perikolużi u l-ħażna temporanja intermedja **ta’ mhux aktar minn 48 siegħa** bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b’din id-Direttiva, inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzji oħra ta’ trasport f’baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi;

Or. en

Emenda 75 Anna Rosbach

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) it-trasport ta’ sustanzi perikolużi u l-ħażna temporanja intermedja bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b’din id-Direttiva, inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzji oħra ta’ trasport f’baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi

Emenda

(c) it-trasport ta’ sustanzi perikolużi u l-ħażna temporanja intermedja bit-triq, ferrovija, passaġġi tal-ilma interni, baħar jew ajru, barra l-istabbilimenti koperti b’din id-Direttiva, inkluż it-tagħbija u l-ħatt kif ukoll it-trasport lejn u minn mezzji oħra ta’ trasport f’baċiri, mollijiet jew żoni fejn jinżammu l-vetturi; **żoni li jintużaw għal tali skopijiet ta’ ħażna**

m'għandhomx jiġu eżentati minn din id-Direttiva, f'każ li s-sustanzi perikolużi jinħażnu fiż-żona fuq bażi regolari jew għal perjodi konsekuttivi itwal;

Or. da

Emenda 76
Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva;

imħassar

Or. en

Emenda 77
Anna Rosbach

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva

imħassar

Or. da

Emenda 78
Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva;

Emenda

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, ***fejn il-fluss annwali ta' sustanzi perikolużi huwa anqas mill-kwantitajiet elenkati f'Partijiet 1 u 2 tal-Anness I;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu previsti livelli armonizzati ta' sikurezza u ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa pubblika, l-istabbilimenti li għandhom l-istess potenzjal ta' periklu għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod. Dan japplika b'mod partikolari għal-linji ta' pajpijiet li jittrasportaw is-sustanzi perikolużi msemmija fl-Anness I, li huma soġġetti għar-rekwiżiti tas-Seveso III.

Emenda 79

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva;

Emenda

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, ***fejn il-fluss annwali ta' sustanzi perikolużi huwa anqas mill-kwantitajiet elenkati f'Partijiet 1 u 2 tal-Anness I;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-passat seħħew għadd ta' inċidenti kbar bil-linji ta' pajpijiet. Sakemm il-linji ta' pajpijiet ma jkunux inklużi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, m'hemm l-ebda liġi fis-seħħ li twaqqaf dawn it-tipi ta' inċidenti milli jseħħu. Skont risposta tal-ex Kummissarju Piebalgs għal mistoqsija Parlamentari fl-2005, kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament kienu tal-fehma li l-linji ta' pajpijiet għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tal-liġi Komunitarja li tittratta l-perikli ta' inċidenti

kbar.

Emenda 80
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva;

Emenda

(d) il-ġarr ta' sustanzi perikolużi f'linji ta' pajpijiet, inkluż stazzjonijiet għall-ippompjar, barra l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, **b'dijametru ta' mill-anqas 800mm;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inċidenti serji u dannużi li saru lil-linji ta' pajpijiet jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva SEVESO III proposta, li tibda minn dawk li d-dijametru tal-pajp tagħhom huwa daqs il-limitu ta' referenza skont l-Anness I tad-Direttiva 97/11 dwar l-obbligu li tiġi inkluża linja ta' pajp biex ikun hemm konformità mal-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.

Emenda 81
Corinne Lepage

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-isfruttament (l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-iproċessar) ta' minerali f'minjieri, barrieri, jew spieri, ħlief għall-ħażna ta' gass taħt l-art f'saffi naturali u minjieri mhux użati, u ta' operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali u l-ħażna **relatata ma' dawk l-operazzjonijiet** li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif definit fl-Anness I;

Emenda

(e) l-isfruttament (l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-iproċessar) ta' minerali f'minjieri, barrieri, jew spieri, ħlief għall-ħażna ta' gass taħt l-art f'saffi naturali u minjieri mhux użati, u ta' operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali u l-ħażna, **inkluż il-fratturazzjoni idrawlika**, li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif definit fl-Anness I, **irrispettivament minn jekk inqabżux il-limiti jew le;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fratturazzjoni idrawlika hija metodu ta' estrazzjoni ta' riskju għoli u għandu jissewma b'mod speċifiku.

Emenda 82

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-isfruttament (l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar) ta' minerali f' minjieri, barrieri, jew spieri, ħliet għall-ħażna ta' gass taħt l-art f' saffi naturali u minjieri mhux użati, u ta' operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali u l-ħażna relatata ma' dawk l-operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif definit fl-Anness I;

Emenda

(e) l-isfruttament (l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar) ta' minerali, **inklużi l-idrokarburi**, f' minjieri, barrieri, jew spieri, ħliet għall-ħażna ta' gass taħt l-art f' saffi naturali u minjieri mhux użati, u ta' operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali, **inkluż il-fratturazzjoni idrawlika tal-idrokarburi**, u l-ħażna relatata ma' dawk l-operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif definit fl-Anness I;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fratturazzjoni idrawlika, li hija metodu ta' estrazzjoni ta' riskju għoli għall-gass tax-shale jew għaż-żejt tax-shale, għandu jiġi inkluż fl-ambitu tad-Direttiva

Emenda 83

Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-isfruttament (l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar) ta' minerali f' minjieri, barrieri, jew spieri, ħliet għall-ħażna ta' gass taħt l-art f' saffi naturali u minjieri mhux użati, u ta' operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali u l-ħażna relatata ma' dawk l-operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif definit fl-Anness I;

Emenda

(e) l-isfruttament (l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar) ta' minerali f' minjieri, barrieri, jew spieri, ħliet għall-ħażna ta' gass taħt l-art f' saffi naturali, **kavitajiet tal-melħ** u minjieri mhux użati, u ta' operazzjonijiet ta' proċessar kimiku u termali u l-ħażna relatata ma' dawk l-operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi perikolużi, kif definit fl-Anness I;

Ġustifikazzjoni

Skont it-test propost mill-Kummissjoni, id-Direttiva tkopri biss il-ħażna f'saffi naturali jew f'minjieri abbandunati, filwaqt li tibqa' eskluża l-ħażna f'kavità tal-melħ. Dan joħloq żbilanċ kompetittiv bejn tipi differenti ta' ħażna koperti u dawk eżentati, li b'mod partikolari huma ta' ħsara għal dawk l-Istati Membri li m'għandhom ebda kavità tal-melħ.

Emenda 84

Åsa Westlund

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-esplorazzjoni fil-baħar u l-isfruttament ta' minerali, inklużi l-idrokarburi;

imħassar

Or. en

Emenda 85

Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-esplorazzjoni fil-baħar u l-isfruttament ta' minerali, inklużi l-idrokarburi;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-isplużjoni riċenti tad-“Deepwater Horizon” turi li hemm bżonn regoli aktar restrittivi u rigorużi mifruxa mal-UE kollha sabiex jiġu evitati inċidenti kbar minn attivitajiet fil-baħar. Għalhekk, huwa suġġerit li dawn l-attivitajiet jiġu inklużi fl-ambitu tas-Seveso III.

Emenda 86
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-esplorazzjoni fil-baħar u l-isfruttament ta' minerali, inklużi l-idrokarburi;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Inċidenti katastrofiċi bħal pereżempju d-“Deepwater Horizon” riċenti jenfasizzaw il-ħtieġa għal regoli mifruxa mal-UE kollha biex jiġu evitati tali inċidenti. Fir-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010, dwar l-azzjoni tal-UE dwar azzjoni tal-UE fil-qasam tat-tfittxija għaż-żejt u l-estrazzjoni taż-żejt fl-Ewropa, il-Parlament talab lill-Kummissjoni tinkludi rigġijiet taż-żejt fl-ambitu tad-Direttiva Seveso. Ir-reviżjoni attwali tad-Direttiva Seveso għandha tfittex tagħmel dan.

Emenda 87
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-esplorazzjoni fil-baħar u l-isfruttament ta' minerali, inklużi l-idrokarburi;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pjattaformi taż-żejt u tal-gass fil-baħar u s-siti tal-esplorazzjoni għandhom jiġu inklużi taħt id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, filwaqt li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm l-inċidenti li seħħew riċentament u kemm il-fatt li m'hemm l-ebda regoli tas-sikurezza u tal-protezzjoni xierqa li huma kumparabbli għall-istess livell standard applikat bħal fid-dispożizzjonijiet previsti fid-Direttiva Seveso.

Emenda 88
Pavel Poc

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-esplorazzjoni fil-baħar u l-isfruttament ta' minerali, inklużi l-idrokarburi;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 89
Anna Rosbach

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

f) l-esplorazzjoni fil-baħar u l-isfruttament ta' minerali, inklużi l-idrokarburi;

Emenda

imħassar

Or. da

Emenda 90
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. 'stabbiliment tal-livelli aktar baxxi' tfisser stabbiliment fejn is-sustanzi perikolużi jkunu preżenti fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew ogħla mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I **u l-kolonna 2** tal-Parti 2 tal-Anness I, iżda inqas mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 3 tal-Parti 1 tal-Anness

Emenda

2. 'stabbiliment tal-livelli aktar baxxi' tfisser stabbiliment fejn is-sustanzi perikolużi jkunu preżenti fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew ogħla mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I **jew il-kolonna 2** tal-Parti 2 tal-Anness I, **fejn ikun rilevanti**, iżda inqas mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 3 tal-Parti 1 tal-Anness I, u l-kolonna 3 tal-Parti

I, u l-kolonna 3 tal-Parti 2 tal-Anness I;

2 tal-Anness I;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward ta' bosta sustanzi, ir-referenza għalihom issir biss fil-Parti 1 tal-Anness I, u mhux fil-Parti 2, għalhekk għandu jiġi ċċarat li dawn iż-żewġ Annessi ma japplikawx b'mod kumulattiv.

Emenda 91

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. 'stabbiliment tal-livelli aktar 'il fuq' tfisser stabbiliment fejn is-sustanzi perikolużi jkunu preżenti fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew ogħla mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 3 tal-Parti 1 tal-Anness I, **u l-kolonna 3 tal-Parti 2 tal-Anness I;**

Emenda

3. 'stabbiliment tal-livelli aktar 'il fuq' tfisser stabbiliment fejn is-sustanzi perikolużi jkunu preżenti fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew ogħla mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 3 tal-Parti 1 tal-Anness I **jew il-kolonna 3 tal-Parti 2 tal-Anness I, fejn ikun rilevanti;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward ta' bosta sustanzi, ir-referenza għalihom issir biss fil-Parti 1 tal-Anness I, u mhux fil-Parti 2, għalhekk għandu jiġi ċċarat li dawn iż-żewġ Annessi ma japplikawx b'mod kumulattiv.

Emenda 92

Anna Rosbach

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. “stabbilimenti fil-qrib” jew “siti fil-qrib” tfisser stabbiliment jew sit li jiffunzjona fiż-żona ta' impatt ta'

stabiliment;

Or. en

Emenda 93

Gaston Franco, Sophie Auconie

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. ‘stabiliment ġdid’ tfisser stabiliment **li għadu kif inbena jew** li għad irid jibda jiffunzjona;

4. ‘stabiliment ġdid’ tfisser stabiliment li għad irid jibda jiffunzjona;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għal stabiliment “li għadu kif inbena” hija vaga ħafna u tista’ twassal għal interpretazzjoni differenti.

Emenda 94

Daciana Octavia Sârbu, Rovana Plumb

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. ‘stabiliment ġdid’ tfisser stabiliment li **għadu kif inbena jew li għad irid jibda jiffunzjona;**

4. ‘stabiliment ġdid’ tfisser stabiliment li **jibda jiffunzjona wara l-31 ta’ Mejju 2015;**

Or. en

Emenda 95

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ‘stabbiliment ġdid’ tfisser stabbiliment li għadu kif inbena jew **li għad irid** jibda jiffunzjona;

Emenda

4. ‘stabbiliment ġdid’ tfisser stabbiliment li għadu kif inbena **wara l-1 ta’ Ġunju 2015** jew **se** jibda jiffunzjona **wara l-1 ta’ Ġunju 2017, jew li minħabba modifiki fl-stallazzjonijiet jew l-attivitajiet tiegħu, jew fl-inventarju tiegħu ta’ sustanzi perikolużi, wara l-1 ta’ Ġunju 2015, jaqa’ fl-ambitu ta’ din id-Direttiva;**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jingħataw dati ċari biex jiġu ċċarati t-tifsiriet differenti ta’ stabbiliment ġdid.

Emenda 96

Elena Oana Antonescu

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ‘stabbiliment ġdid’ tfisser stabbiliment li għadu kif inbena jew **li għad irid** jibda jiffunzjona;

Emenda

4. ‘stabbiliment ġdid’ tfisser stabbiliment li għadu kif inbena jew jibda jiffunzjona **wara l-31 ta’ Mejju 2015;**

Or. en

Emenda 97

Gaston Franco, Sophie Auconie

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. ‘stallazzjoni’ tfisser unità teknika fi stabbiliment li fiha s-sustanzi perikolużi jiġu mmanifatturati, użati, immaniġġati jew maħżuna, inkluż taħt l-art, u tinkludi t-tagħmir kollu, l-istrutturi, il-pajpijiet, il-

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

makkinarju, l-għodod, il-binarji żgħar privati, il-baċiri, il-mollijiet tal-ħatt li jservu lill-installazzjoni, il-mollijiet maħruġin 'il barra, l-imħażen jew strutturi simili oħra, li jibqgħu f'wiċċ l-ilma jew mod ieħor, li jkunu meħtieġa għat-tħaddim tal-installazzjoni;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 98

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. 'stallazzjoni' tfisser unità teknika fi stabbiliment li fiha s-sustanzi perikolużi jiġu mmanifatturati, użati, immaniġġati jew maħżuna, inkluż taħt l-art, u tinkludi t-tagħmir kollu, l-istrutturi, il-pajpijiet, il-makkinarju, l-għodod, il-binarji żgħar **privati**, il-baċiri, il-mollijiet tal-ħatt li jservu lill-installazzjoni, il-mollijiet maħruġin 'il barra, l-imħażen jew strutturi simili oħra, li jibqgħu f'wiċċ l-ilma jew mod ieħor, li jkunu meħtieġa għat-tħaddim tal-installazzjoni;

Emenda

7. 'stallazzjoni' tfisser unità teknika fi stabbiliment li fiha s-sustanzi perikolużi jiġu mmanifatturati, użati, immaniġġati jew maħżuna, inkluż taħt l-art, u tinkludi t-tagħmir kollu, l-istrutturi, il-pajpijiet, il-makkinarju, l-għodod, il-binarji żgħar, il-baċiri, il-mollijiet tal-ħatt li jservu lill-installazzjoni, il-mollijiet maħruġin 'il barra, l-imħażen jew strutturi simili oħra, li jibqgħu f'wiċċ l-ilma jew mod ieħor, li jkunu meħtieġa għat-tħaddim tal-installazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sjieda m'għandhiex tkun kriterju għad-definizzjoni ta' stallazzjoni.

Emenda 99

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. ‘operatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla stabbiliment jew stallazzjoni jew, fejn dan ikun previst bil-liġi nazzjonali, li lilha jkun ġie ddelegat setgħa ekonomika deċiżiva fuq **il-funzjonament tekniku tal-istabbiliment** jew l-istallazzjoni;

Emenda

8. ‘operatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla stabbiliment jew stallazzjoni jew, fejn dan ikun previst bil-liġi nazzjonali, li lilha jkun ġie ddelegat setgħa ekonomika deċiżiva fuq **l-istabbiliment** jew l-istallazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu evitati kwalunkwe lakuni, f’każ ta’ delega, id-definizzjoni ta’ operatur m’għandhiex tkun limitata għall-entità li għandha s-setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-istabbiliment.

Emenda 100
Oreste Rossi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. ‘operatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla stabbiliment jew stallazzjoni jew, fejn dan ikun previst bil-liġi nazzjonali, li lilha jkun ġie ddelegat setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-istabbiliment jew l-istallazzjoni;

Emenda

8. ‘operatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla stabbiliment jew stallazzjoni jew, fejn dan ikun previst bil-liġi nazzjonali, li lilha jkun ġie ddelegat setgħa ekonomika **u/jew tat-teħid ta’ deċiżjonijiet** deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-istabbiliment jew l-istallazzjoni;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi inkluża wkoll, minbarra s-setgħa ekonomika, ir-referenza għas-setgħa tat-teħid ta’ deċiżjonijiet tal-operatur, sabiex jiġu koperti s-sitwazzjonijiet organizzattivi kollha li jistgħu jinħolqu.

Emenda 101
Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. ‘operatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla stabbiliment jew stallazzjoni jew, fejn dan ikun previst bil-liġi nazzjonali, li lilha jkun ġie ddelegat setgħa ekonomika deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-istabbiliment jew l-istallazzjoni;

Emenda

8. ‘operatur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li topera jew tikkontrolla stabbiliment jew stallazzjoni jew, fejn dan ikun previst bil-liġi nazzjonali, li lilha jkun ġie ddelegat setgħa ekonomika ***u/jew tat-teħid ta’ deċiżjonijiet*** deċiżiva fuq il-funzjonament tekniku tal-istabbiliment jew l-istallazzjoni;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fid-definizzjoni ta’ operatur għandha tiġi inkluża wkoll, minbarra s-setgħa ekonomika, ir-referenza għas-setgħa tat-teħid ta’ deċiżjonijiet ta’ tali suġġett sabiex jiġu koperti s-sitwazzjonijiet organizzattivi kollha li jinħolqu.

Emenda 102
Elena Oana Antonescu

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tiegħu inkunsiderazzjoni l-effett domino meta tfassal il-pjanijiet esterni ta’ emerġenza;

Or. en

Emenda 103
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. ‘sustanza perikoluża’ tfisser sustanza jew taħlita elenkata fil-Parti 1 jew il-Parti 2 tal-Anness 1 u li tkun preżenti bħala materja prima, prodott, prodott sekondarju, residwu jew prodott intermedju, inklużi dawk is-sustanzi li, b’mod raġonevoli, jistgħu jiġu ġġenerati f’każ ta’ inċident;

Emenda

9. sustanza perikoluża’ tfisser sustanza jew taħlita elenkata fil-Parti 1 jew il-Parti 2 tal-Anness 1 u li tkun preżenti bħala materja prima, prodott, prodott sekondarju, residwu jew ***iżolat u mhux iżolat*** prodott intermedju, inklużi dawk is-sustanzi li, b’mod raġonevoli, jistgħu jiġu ġġenerati f’każ ta’ inċident;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu kkalkolati l-kwantitajiet korretti ta’ kull sustanza użata f’impjant ta’ produzzjoni, għandhom jitqiesu l-istadji intermedji tal-użu tagħhom, irrispettivament minn jekk ikunux f’forma iżolata jew f’dik mhux iżolata skont ir-Regolament CLP.

Emenda 104
Oreste Rossi

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. ‘sustanza perikoluża’ tfisser sustanza jew taħlita elenkata fil-Parti 1 jew il-Parti 2 tal-Anness 1 u li tkun preżenti bħala materja prima, prodott, prodott sekondarju, residwu jew prodott intermedju, inklużi dawk is-sustanzi li, b’mod raġonevoli, jistgħu jiġu ġġenerati f’każ ta’ inċident;

Emenda

9. ‘sustanza perikoluża’ tfisser sustanza jew taħlita elenkata fil-Parti 1 jew il-Parti 2 tal-Anness 1 u li tkun preżenti bħala materja prima, prodott, prodott sekondarju, residwu jew prodott intermedju, inklużi dawk is-sustanzi li, b’mod raġonevoli, jistgħu jiġu ġġenerati f’każ ta’ inċident, ***fi kwantitajiet indaqs jew li jaqbżu l-limiti previsti fl-Anness I, fil-partijiet 1 u 2;***

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija maħsuba biex tiġi evitata kull ambigwiżà fl-interpretazzjoni u l-inkonsistenzi fid-definizzjoni ta’ “preżenza ta’ sustanzi perikolużi” (Artikolu 3(11)).

Emenda 105

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. ‘preżenza ta’ sustanzi perikolużi’ tfisser il-preżenza attwali jew antiċipata ta’ sustanzi perikolużi fl-istabbiliment, jew il-preżenza ta’ sustanzi perikolużi li x’aktarx jistgħu jiġu ġġenerati matul telf ta’ kontroll fi **proċess kimiku industrijali**, fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew iżjed mil-limiti stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I.

Emenda

11. ‘preżenza ta’ sustanzi perikolużi’ tfisser il-preżenza attwali jew antiċipata ta’ sustanzi perikolużi fl-istabbiliment, jew il-preżenza ta’ sustanzi perikolużi li x’aktarx jistgħu jiġu ġġenerati matul telf ta’ kontroll fi **kwalunkwe stallazzjoni fl-istabbiliment**, fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew iżjed mil-limiti stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni proposta mhijiex xierqa billi l-emissjonijiet ta’ sustanzi perikolużi kkawżati minn inċident, bħal pereżempju min-nirien fl-imħażen, bħalissa mhumiex jingħataw attenzjoni, għalkemm l-effett jista’ jkun simili għal dak ta’ telf ta’ kontroll ta’ proċess kimiku industrijali. Id-definizzjoni ta’ “preżenza ta’ sustanza perikoluża” għandha għalhekk tinkludi referenza għal ġenerazzjoni ta’ tali sustanzi minħabba t-telf ta’ kontroll ta’ kwalunkwe stallazzjoni tal-istabbiliment.

Emenda 106

Antonia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

11. ‘preżenza ta’ sustanzi perikolużi’ tfisser il-preżenza attwali jew antiċipata ta’ sustanzi perikolużi fl-istabbiliment, jew il-preżenza ta’ sustanzi perikolużi li x’aktarx jistgħu jiġu ġġenerati matul telf ta’ kontroll fi proċess kimiku industrijali, fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew iżjed mil-limiti stabbiliti fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I.

Emenda

11. ‘preżenza ta’ sustanzi perikolużi’ tfisser il-preżenza attwali jew antiċipata ta’ sustanzi perikolużi fl-istabbiliment, jew il-preżenza ta’ sustanzi perikolużi li x’aktarx jistgħu jiġu ġġenerati matul telf ta’ kontroll fi proċess kimiku industrijali, **jew matul inċident kbir ieħor f’faċilità jew f’installazzjoni għall-ħażna** fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew iżjed mil-limiti

Ġustifikazzjoni

Il-ħsara kkawżata minn inċident bħal pereżempju n-nirien fl-imħażen tista' tkun ekwivalenti għal dik ikkawżata minn telf ta' kontroll ta' proċess kimiku industrijali. Billi d-Direttiva tistipula regoli għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi, huwa irrilevanti jekk is-sustanza hijiex iġġenerata mit-telf ta' kontroll ta' proċess kimiku industrijali, min-nar jew xi kawża oħra.

Emenda 107

Andres Perello Rodriguez

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni

17. 'il-pubbliku konċernat' tfisser il-pubbliku affettwat jew li x'aktarx ikun affettwat, jew **li jkollu** interess li jieħu deċiżjoni rigward kwalunkwe materja koperta bl-Artikolu 14(1), inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-ħarsien ambjentali u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit applikabbli fil-liġi nazzjonali;

Emenda

17. 'il-pubbliku konċernat' tfisser il-pubbliku affettwat jew li x'aktarx ikun affettwat **f'termini ta' sikurezza, saħħa** jew **li jkollu** interess **leġittimu** li jieħu deċiżjoni rigward kwalunkwe materja koperta bl-Artikolu 14(1), inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-ħarsien ambjentali u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit applikabbli fil-liġi nazzjonali;

Ġustifikazzjoni

Il-pubbliku konċernat għandu jiġi speċifikat biex jiġi evitat li kull motiv possibbli jkun jista' jintuża biex jiġġustifika l-fatt li l-pubbliku huwa "konċernat".

Emenda 108

Elena Oana Antonescu

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

18a. “distanza ta’ sikurezza xierqa” tfisser id-distanza minima li fiha ma jista’ jiġi rreġistrat ebda effett negattiv possibbli fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fil-każ ta’ inċident kbir

Or. en

Emenda 109

Daciana Octavia Sârbu, Rovana Plumb

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

18a. “distanza ta’ sikurezza xierqa” tfisser id-distanza minima li fiha ma jista’ jiġi rreġistrat ebda effett negattiv possibbli fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fil-każ ta’ inċident kbir;

Or. en

Emenda 110

Elena Oana Antonescu

Proposta għal direttiva

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

18b. “effett domino” tfisser il-possibbiltà ta’ okkorrenza ta’ inċident kbir fi stabbiliment, ikkawżat minn inċident li jseħħ viċin dak l-istabbiliment, kemm fi stabbiliment ieħor jew f’sit li ma jaqax fl-ambitu ta’ dik id-Direttiva;

Or. en

Emenda 111
Daciana Octavia Sârbu, Rovana Plumb

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

18b. “effett donimo” tfisser l-okkorrenza ta’ inċident kbir fi stabbiliment, ikkawżata minn inċident li jseħħ viċin dak l-istabbiliment. Dan jista’ jinkludi inċidenti fl-istabbilimenti kif definiti fid-Direttiva jew fis-siti li ma jaqgħux fl-ambitu ta’ dik id-Direttiva.

Or. en

Emenda 112
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fejn jintwera, fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu, li sustanzi partikolari koperti bil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I ma jkunux kapaċi joħlqu periklu ta’ inċident kbir, b’mod partikolari minħabba l-forma fiżika, il-proprjetajiet, il-klassifikazzjoni jew l-imballaġġ ġeneriku tagħhom, il-Kummissjoni tista’ telenka daww is-sustanzi fil-Parti 3 tal-Anness I permezz ta’ atti ta’ delega skont l-Artikolu 24.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-previżjoni tal-esklużjoni ta’ sustanzi perikolużi permezz ta’ elenkar ċar ta’ kriterji f’din id-Direttiva, tista’ timplika riskju għoli ta’ deċiżjoni possibbli ta’ deroga appoġġjata minn

fatturi għajr dawk fiżiċikimiċi u ambjentali.

Emenda 113
Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fejn jintwera, fuq il-bażi tal-kriterji **msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu**, li sustanzi partikolari koperti bil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I ma jkunux kapaċi jgħolqu periklu ta' inċident kbir, b'mod partikolari minħabba l-forma fiżika, il-proprjetajiet, il-klassifikazzjoni jew l-imballaġġ ġeneriku tagħhom, il-Kummissjoni tista' telenka dawk is-sustanzi fil-Parti 3 tal-Anness I **permezz ta' atti ta' delega skont l-Artikolu 24.**

Emenda

1. Fejn jintwera, fuq il-bażi tal-kriterji **stipulati fl-Anness VII ta' din id-Direttiva**, li sustanzi partikolari **jew taħlitiet** koperti bil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I ma jkunux kapaċi **b'kundizzjonijiet speċifiċi** jgħolqu periklu ta' inċident kbir, b'mod partikolari minħabba l-forma fiżika, il-proprjetajiet, il-klassifikazzjoni jew l-imballaġġ ġeneriku tagħhom, **u għalhekk għandhom jibbenefikaw minn deroga**, il-Kummissjoni tista' **tadotta atti ta' delega skont l-Artikoli 17 u 24 biex** telenka dawk is-sustanzi **u t-taħlitiet flimkien mal-kundizzjonijiet applikabbli**, fil-Parti 3 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 114
Corinne Lepage

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn Stat Membru jikkunsidra li sustanza perikoluża elenkata fil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I ma tippreżentax periklu ta' inċident kbir u tista' tikkwalifika għall-inklużjoni fil-Parti 3 tal-Anness I skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan għandu javża lill-Kummissjoni.

Emenda

imħassar

Emenda 115
Corinne Lepage

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) dwar dawn in-notifiki.

imħassar

Emenda 116
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tinforma** lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) **dwar dawn** in-notifiki.

Il-Kummissjoni għandha **tikkonsulta** lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) **qabel ma telenka s-sustanzi fil-Parti 3 tal-Anness I u dwar** in-notifiki **li jsiru f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.**

(Marbuta mal-emenda tal-Artikolu 17(2) li għandha l-għan li tinkludi l-partijiet interessati fil-forum)

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet interessati dwar dawn id-deċiżjonijiet.

Emenda 117
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

**Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Fejn jintwera għas-sodisfazzjon ta' awtorità kompetenti, fuq il-bażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, li sustanzi partikolari li jkunu preżenti fi stabbiliment individwali jew fi kwalunkwe parti minnu u elenkati fil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I ma jkunux kapaċi joħolqu periklu ta' inċident kbir, minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi li jkun hemm fl-istabbiliment, bħalma huma n-natura tal-imballaġġ u t-trażżin tas-sustanza jew il-post u l-kwantitajiet involuti, l-Istat Membru tal-awtorità kompetenti jista' jiddeċiedi li ma japplikax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 19 ta' din id-Direttiva għall-istabbiliment ikkonċernat.

imħassar

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu l-Istat Membru konċernat għandu jipprovd lill-Kummissjoni lista tal-istabbilimenti kkonċernati, inkluż l-inventarju tas-sustanzi perikolużi konċernati. L-Istat Membru konċernat għandu jagħti r-raġunijiet għall-esklużjoni.

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi kull sena l-listi msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) għall-informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-derogi nazzjonali jistgħu jwasslu għal applikazzjoni irregolari tad-Direttiva fi Stati Membri differenti. Il-possibbiltà ta' tali derogi twassal biex l-awtoritajiet kompetenti jsiru vulnerabbli mingħajr bżonn għall-interessi ta' kumpaniji kbar. Għall-fini ta' applikazzjoni armonizzata, il-possibbiltà ta' derogi nazzjonali għandha tiġi miċħuda.

Emenda 118
Patrice Tirolien, Gilles Pargneaux

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta Stat Membru jqis li d-dikjarazzjoni ta' sustanza perikoluża msemmija fil-Parti 2 tal-Anness I tista' tippreġudika l-kapaċità tal-provvista tal-elettriku lil reġjun ultraperiferiku jew l-attività ekonomika tiegħu, u meta jqis li din is-sustanza tista' tiġi inkluża fil-Parti 3 tal-imsemmi Anness f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) dwar in-notifiki magħmula.

Or. fr

Emenda 119
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Sat-30 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 24 sabiex tistabbilixxi kriterji li jridu jintużaw għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu rispettivament, u biex temenda l-Anness VII skont dan.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji tal-esklużjoni għandhom jiġu elenkati f'din id-Direttiva, u m'għandhomx ikunu soġġetti għall-proċedura tal-atti ta' delega. F'każ li għandhom jiġu stabbiliti kriterji ġodda għandha tapplika l-proċedura tal-kodeċizzjoni.

Emenda 120
Cristian Silviu Buşoi

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Sat-30 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' delega skont l-Artikolu 24 sabiex tistabbilixxi kriterji li jridu jintużaw għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu rispettivament, u biex temenda l-Anness VII skont dan.

imħassar

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu ffaċċjati l-effetti mhux mixtieqa tal-allinjament mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP) u n-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-adattamenti reċenti ta' dan ir-Regolament fil-proposta għal Direttiva Seveso, il-kriterji għandhom jiġu stabbiliti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva biex tkun tista' tiġi żgurata flessibilità immedjata.

Emenda 121
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn Stat Membru jikkunsidra li sustanza perikoluża li ma tkunx elenkata fil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I, tkun tippreżenta periklu ta' inċident kbir, dan jista' jieħu l-miżuri xierqa u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni.

Fejn Stat Membru jikkunsidra li sustanza perikoluża li ma tkunx elenkata fil-Partijiet 1 jew 2 tal-Anness I, tkun tippreżenta periklu ta' inċident kbir, ***jew li limiti jkun għoljin wisq***, dan jista' jieħu l-miżuri xierqa u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu wkoll jieħdu azzjoni meta jqisu li limiti jkun għoljin

wisq.

Emenda 122
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha **tinforma** lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) dwar in-notifiki magħmula skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha **tikkonsulta** lill-forum imsemmi fl-Artikolu 17(2) dwar in-notifiki magħmula skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet interessati dwar dawn id-deċiżjonijiet.

Emenda 123
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha **tinforma** lill-forum imsemmi fl-Artikolu 24 biex tbaxxi il-limiti ta' sustanzi msemmin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'Parti 1 jew f'Parti 2 tal-Anness I.

Emenda

Fejn jixraq, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' delega f'konformità mal-Artikolu 24 biex tbaxxi il-limiti ta' sustanzi msemmin fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'Parti 1 jew f'Parti 2 tal-Anness I.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-elenkar ta' sustanzi ġodda għandu jsir bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja kif issuġġerit mir-rapporteur fl-emenda 11 tiegħu, il-bidla fil-limiti wara notifika nazzjonali tista' ssir b'att ta' delega.

Emenda 124
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur ikun obbligat li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġu evitati inċidenti kbar u biex jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur ikun obbligat li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġu evitati inċidenti kbar u biex jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. ***Dan għandu jinkludi l-obbligu li jsiru studji indipendenti dwar is-sikurezza mill-anqas kull sentejn.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istudji indipendenti huma mezz importanti kif jiġi żgurat li l-operaturi jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa. It-tweġġiq ta' tali studji mill-anqas kull sentejn, jista' jkun ta' kontribut importanti biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet b'rabta mas-sikurezza u r-rimedji għalihom.

Emenda 125
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istabbiliment jiffunzjona skont l-aqwa tekniki disponibbli, b'mod partikolari b'rabta mal-aspetti ta' sikurezza, f'konformità mad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)¹, mingħajr xi tip ta' deroga.

¹ *ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.*

Ġustifikazzjoni

Is-siti Seveso ghandhom ikunu konformi mal-aqwa tekniki disponibbli minghajr eċċezzjonijiet.

Emenda 126

Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan, inkluż dettalji dwar l-istabbilimenti fil-qrib, kemm jekk dawn ikunu koperti b'din id-Direttiva kemm jekk le, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino.

imħassar

Ġustifikazzjoni

L-operatur m'għandu l-ebda possibbiltà legali li jikseb din l-informazzjoni. Dan il-kompitu għandu jitwettaq mill-awtoritajiet kompetenti. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 8(2)(b), jirrikjedi li jiġu infurmati "l-istabbilimenti fil-qrib li jaqgħu barra l-ambitu ta' din id-Direttiva"; fir-rigward tal-vijabbiltà, dan għandu jkun limitat għall-istabbilimenti koperti mid-Direttiva.

Emenda 127

Holger Kraemer

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan, *inkluż dettalji dwar*

(g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan.

l-istabbilimenti fil-qrib, kemm jekk dawn ikunu koperti b'din id-Direttiva kemm jekk le, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operatur m'għandu l-ebda possibilità legali li jikseb tali informazzjoni. Jeħtieġ li l-kompitu jitwettaq mill-awtoritajiet.

**Emenda 128
Sergio Berlato**

**Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g**

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan, ***inkluż dettalji dwar l-istabbilimenti fil-qrib, kemm jekk dawn ikunu koperti b'din id-Direttiva kemm jekk le***, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino.

Emenda

g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu jżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tirrikjedi li l-operatur jipprovdi, fil-qafas tan-notifika skont l-Artikolu 6, informazzjoni dwar l-istabbilimenti fil-qrib. Madankollu, l-operaturi m'għandhomx l-awtorità li jitolbu u jiksbu tali informazzjoni li, fost affarijiet oħra, tista' tiġi kkunsidrata kunfidenzjali jew industrijalment/kummerċjalment sensittiva. Għalhekk, nemmnu li għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jiġbru l-informazzjoni u jagħmluha disponibbli dwar l-istabbilimenti fil-qrib.

**Emenda 129
Carl Schlyter, Michèle Rivasi**

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan, inkluż dettalji dwar l-istabbilimenti fil-qrib, **kemm jekk dawn ikunu koperti b'din id-Direttiva kemm jekk le**, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu **jżidu** r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino.

Emenda

(g) l-ambjent fil-qrib immedjat tal-istabbiliment, l-elementi li jistgħu jikkawżaw inċident kbir jew jaggravaw il-konsegwenzi ta' dan, inkluż dettalji dwar l-istabbilimenti fil-qrib, **meta dawn ikunu għad-dispożizzjoni tal-operatur**, kif ukoll siti, żoni u żviluppi oħra li jistgħu **jkunu s-sors ta', jew iżidu** r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir u ta' effetti domino.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbilimenti mhux Seveso jistgħu mhux biss iżidu r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir, imma jistgħu jkunu wkoll is-sors tagħhom.

Emenda 130
Anna Rosbach

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għal stabbilimenti eżistenti, **sena** mid-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1),

Emenda

(b) għal stabbilimenti eżistenti, **tliet xhur** mid-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1),

Or. en

Emenda 131
Anna Rosbach

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) għal stabbilimenti sussegwenti, **sen** mid-data li fiha din id-Direttiva tkun tapplika għall-istabbiliment konċernat.

Emenda

(c) għal stabbilimenti eżistenti, **tlit xhur** mid-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu.

Or. en

Emenda 132
Oreste Rossi

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kwalunkwe żieda sinifikanti fil-kwantità jew bidla sinifikanti fin-natura jew fil-forma fiżika tas-sustanza perikoluża preżenti, kif indikat fin-notifika pprovduta mill-operatur skont il-paragrafu 1, jew kwalunkwe bidla fil-proċessi li jużaw dik is-sustanza;

Emenda

(a) kwalunkwe żieda sinifikanti fil-kwantità jew bidla sinifikanti fin-natura jew fil-forma fiżika tas-sustanza perikoluża preżenti, **li jista' jkollhom konsegwenzi serji fuq il-perikli ta' inċidenti kbar u** kif indikat fin-notifika pprovduta mill-operatur skont il-paragrafu 1, jew kwalunkwe bidla fil-proċessi li jużaw dik is-sustanza;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi ċċarat l-ambitu taż-“żieda sinifikanti” u tal-“bidla sinifikanti”, jeħtieġ li t-test jiġi allinjat mal-punt b ta' dan il-paragrafu.

Emenda 133
Paolo Bartolozzi

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kwalunkwe żieda sinifikanti fil-kwantità jew bidla sinifikanti fin-natura jew fil-forma fiżika tas-sustanza perikoluża preżenti, kif indikat fin-notifika pprovduta

Emenda

(a) kwalunkwe żieda sinifikanti fil-kwantità jew bidla sinifikanti fin-natura jew fil-forma fiżika tas-sustanza perikoluża preżenti, **li jista' jkollhom konsegwenzi**

mill-operatur skont il-paragrafu 1, jew kwanlunkwe bidla fil-proċessi li jużaw dik is-sustanza;

importanti fir-rigward ta' periklu ta' inċidenti kbar u kif indikat fin-notifika pprovduta mill-operatur skont il-paragrafu 1, jew kwanlunkwe bidla fil-proċessi li jużaw dik is-sustanza;

Or. it

Emenda 134
Oreste Rossi

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-operatur għandu jirrevedi regolarment u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna n-notifika, tal-anqas kull ħames snin. L-operatur għandu jibgħat in-notifika aġġornata lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

imħassar

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi u tal-livelli oġhla biex tiġi riveduta u aġġornata n-notifika lill-awtorità kompetenti f'intervalli ta' ħames snin ifisser burokrazija żejda mingħajr kisbiet proporzjonati f'dak li jirrigwarda s-sikurezza. Għall-istabbilimenti tal-livelli oġhla, dan ir-rekwiżit diġà huwa kopert bl-Artikolu 9(5).

Emenda 135
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-operatur għandu jirrevedi regolarment u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna n-notifika, tal-anqas kull ħames

imħassar

snin. L-operatur għandu jibgħat in-notifika aġġornata lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi u tal-livelli oġġla biex tiġi riveduta u aġġornata n-notifika lill-awtorità kompetenti f'intervalli ta' ħames snin ifisser burokrazija żejda mingħajr kisbiet proporzjonati f'dak li jirrigwarda s-sikurezza. Għall-istabbilimenti tal-livelli oġġla, dan ir-rekwiżit diġà huwa kopert bl-Artikolu 9(5).

Emenda 136
Elisabetta Gardini, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-operatur għandu jirrevedi regolament u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna n-notifika, **tal-anqas kull ħames snin**. L-operatur għandu jibgħat in-notifika aġġornata lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, l-operatur għandu jirrevedi regolament u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna n-notifika **b'mod sistematiku**. L-operatur għandu jibgħat in-notifika aġġornata lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżit għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi u tal-livelli oġġla biex tiġi riveduta u aġġornata n-notifika lill-awtorità kompetenti f'intervalli ta' ħames snin ifisser burokrazija żejda mingħajr kisbiet proporzjonati f'dak li jirrigwarda s-sikurezza.

Emenda 137
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta' prevenzjoni ta'

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur **tal-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi** biex ifassal dokument li jistabbilixxi

inċidenti kbar (minn hawn' il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni, u għandha tindirizza kultura ta' sikurezza rigward il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar.

l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (minn hawn' il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni, u għandha tindirizza kultura ta' sikurezza rigward il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-istabbilimenti tal-livelli oġhla b' mod invarjabbli jeħtieġ li jkollhom sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza li ovvjament tinkludi l-politika skont l-Artikolu 7, ir-rekwiżiti deskritti hawnhekk għandhom jitnaqqsu għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi.

Emenda 138

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (minn hawn' il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni, u għandha tindirizza kultura ta' sikurezza rigward il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (minn hawn' il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni tal-operatur, ***l-iskeda, u l-miżuri biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, il-valutazzjoni perijodika tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu dawn l-oġettivi***, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni, u

għandha tindirizza kultura ta' sikurezza rigward il-kontroll **u l-impenn favur it-titjib kontinwu tal-prevenzjoni** ta' perikli ta' inċidenti kbar.

Din għandha tiġi implimentata, permezz ta' mezzi, strutturi u sistemi ta' ġestjoni xierqa u għandha jinkludu s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza għall-implimentazzjoni tagħha f'konformità mal-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prevenzjoni hija s-soluzzjoni. L-għanijiet u l-prinċipji huma importanti, iżda mhumiex biżżejjed. Fil-MAPP, l-operaturi għandhom jipprovdu wkoll skeda u l-miżuri biex jintlaħqu l-obiettivi għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar, kif ukoll valutazzjoni perjodika tal-progress li jkun sar biex jintlaħqu dawn l-obiettivi.

Emenda 139

Gaston Franco, Sophie Auconie

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (minn hawn' il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni, **u għandha tindirizza kultura ta' sikurezza** rigward il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (minn hawn' il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta' azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni rigward il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar.

Ġustifikazzjoni

It-terminu “kultura ta’ sikurezza” ma jagħmilx referenza għal rekwiżiti operattivi.

Emenda 140
Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta’ prevenzjoni ta’ inċidenti kbar (minn hawn’ il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta’ protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta’ inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta’ azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni, **u għandha tindirizza kultura ta’ sikurezza** rigward il-kontroll ta’ perikli ta’ inċidenti kbar.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu lill-operatur biex ifassal dokument li jistabbilixxi l-politika ta’ prevenzjoni ta’ inċidenti kbar (minn hawn’ il quddiem: "MAPP") u li jiżgura li din tiġi implimentata kif xieraq. L-MAPP għandha tiġi stabbilita bil-miktub. Din għandha tkun imfassla biex tiggarrantixxi livell għoli ta’ protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Din għandha tkun proporzjonata għall-perikli ta’ inċidenti kbar. Hija għandha tinkludi l-għanijiet ġenerali u l-prinċipji ta’ azzjoni tal-operatur, ir-rwol u r-responsabbiltà tal-ġestjoni rigward il-kontroll ta’ perikli ta’ inċidenti kbar.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tintroduċi l-kunċett ta’ “kultura ta’ sikurezza”. Dan il-kunċett madankollu ma fihx sinifikat f’termini operattivi u mhux definit fl-Artikolu 3. Għalhekk nemmnu li jkun xieraq li ssir bidla f’din ir-referenza.

Emenda 141
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (MAPP) għandha tinkludi sistema tal-ġestjoni ta' kwistjonijiet tas-sikurezza f'konformità mad-dispożizzjonijiet kif indikat fl-Anness III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa vijabbli li nfakkru fil-linji gwida u l-informazzjoni kif rikjest fl-Anness III meta nkunu qed nabbozzaw MAPP sabiex jiġu inklużi l-elementi kkonċernati kollha.

Emenda 142

Sabine Wils

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 1 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-MAPP li għandha titfassal f'konformità mal-informazzjoni stabbilita fl-Anness III, għandha tinkludi inventarju tas-sustanzi perikolużi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-obbligu li jiġu elenkati biss is-sustanzi perikolużi għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla, filwaqt li skont il-konsegwenzi dannużi kkawżati minn sustanza perikoluża, tali lista għandha tiġi inkluża fil-MAPP fir-rigward ukoll tal-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi minħabba li kull ma jagħmel il-livell ta' kwantità huwa li jżid il-fattur tar-riskju u mhux jevitah.

Emenda 143

Andres Perello Rodriguez

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-MAPP **għandha tintbagħat** lill-awtorità kompetenti fil-perjodi ta' żmien li ġejjin:

2. **Id-dokument li jiddefinixxi** l-MAPP **għandu jintbagħat** lill-awtorità kompetenti fil-perjodi ta' żmien li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nixtiequ nenfasizzaw li l-importanza tal-MAPP mhijiex biss id-dokument li fih tinkiteb, bħala rekwiżit burokratiku, imma l-ġhadd reali ta' kompeti, azzjonijiet u responsabilitajiet li għandhom jiġu applikati.

Emenda 144
Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-MAPP għandha **tintbagħat lill-awtorità** kompetenti fil-perjodi ta' żmien li ġejjin:

2. L-MAPP għandha **ssir disponibbli għall-awtorità** kompetenti fil-perjodi ta' żmien li ġejjin:

Or. it

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Kummissjoni jipprevedi li l-operatur għandu jibgħat il-politika ta' prevenzjoni ta' inċidenti kbar (MAPP) lill-awtorità kompetenti. Is-sistema attwali ma tipprevedix li tintbagħat il-MAPP peress li huwa dokument soġġett għal valutazzjoni perjodika, b'mod partikolari flimkien mar-reviżjonijiet ta' direzzjoni li f'xi każijiet isiru kull sena. Nemmu li hu aktar vijabbli li, kif previst fid-Direttiva 96/82/KE, l-operatur iqiegħed il-MAPP għad-dispożizzjoni tal-Awtorità kompetenti mingħajr ma jkollu għalfejn jibgħatha lill-istituzzjonijiet.

Emenda 145
Andres Perello Rodriguez

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operatur għandu jirrevedi regolarment u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna l-MAPP, tal-anqas kull ħames snin. L-MAPP aġġornata **għandha tintbagħat** lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Emenda

4. L-operatur għandu jirrevedi regolarment u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna l-MAPP, tal-anqas kull ħames snin. **Id-dokument li jiddefinixxi** l-MAPP aġġornata **għandu jintbagħat** lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Nixtiequ nenfasizzaw li l-importanza tal-MAPP mhijiex biss id-dokument li fih tinkiteb, bħala rekwiżit burokratiku, imma l-għadd reali ta' kompiti, azzjonijiet u responsabilitajiet li għandhom jiġu applikati.

Emenda 146

Antonya Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

**Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-operatur għandu jirrevedi regolarment u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna l-MAPP, tal-anqas kull ħames snin. L-MAPP aġġornata għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Emenda

4. L-operatur għandu jirrevedi regolarment u, fejn ikun meħtieġ, jaġġorna l-MAPP, tal-anqas kull ħames snin. L-MAPP aġġornata għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti **u għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 13,** mingħajr dewmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-MAPP hija dokument ewlieni li jistabbilixxi l-approċċ tal-operaturi b'rabta mal-prevenzjoni u l-limitazzjoni tal-konsegwenzi ta' inċidenti, kull bidla li ssirilha għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr dewmien.

Emenda 147

Edite Estrela

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-MAPP għandha tiġi implimentata b'mezzi, strutturi u b'sistemi tal-ġestjoni xierqa.

Fir-rigward tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla u l-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi, li huma koperti mill-kriterji stabbiliti fl-Anness VIIa, il-MAPP għandha tiġi implimentata b'sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza, f'konformità mal-Anness III u tkun proporzjonata mal-perikli ta' inċidenti kbar, u mal-kumplessità tal-organizzazzjoni jew tal-attivitajiet tal-istabbiliment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li Stat Membru jiddetermina jekk l-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi għandhomx jimplementaw il-MAPP permezz tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza (SMS) jew le, tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Sabiex tittejjeb il-konsistenza, għandu jkun hemm definizzjoni tal-kriterji biex jiġi ċċarat u armonizzat liema huwa l-istabbiliment tal-livelli aktar baxxi li għandu jkun soġġett għall-implimentazzjoni tal-MAPP permezz ta' SMS.

Emenda 148
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-MAPP għandha tiġi implimentata b'mezzi, strutturi u b'sistemi tal-ġestjoni xierqa. Fir-rigward tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla, hija għandha tiġi implimentata b'sistemi tal-ġestjoni tas-sikurezza f'konformità mal-Anness III. L-Istati Membri għandhom jitolbu lill-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi biex

jimplimentaw il-MAPP permezz ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza li tkun proporzjonata mal-perikli ta' inċidenti kbar, u mal-kumplessità tal-organizzazzjoni jew tal-attivitajiet tal-istabbiliment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tista' tkun differenti ħafna bejn l-istabbilimenti tal-livelli oġġla u dawk tal-livelli aktar baxxi, l-Istati Membri għandhom ikunu obbligati jesigū l-implimentazzjoni tal-MAPP permezz ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza għall-istallazzjonijiet kollha, mhux biss għall-istabbilimenti tal-livelli oġġla.

Emenda 149
Edite Estrela

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-kriterji msemmijin fl-Anness VIIa. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 17a(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li Stat Membru jiddetermina jekk l-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi għandhomx jimplimentaw il-MAPP permezz tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza (SMS) jew le, tikkontribwixxi għan-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva. Sabiex tittejjeb il-konsistenza, għandu jkun hemm definizzjoni tal-kriterji biex jiġi ċċarat u armonizzat liema huwa l-istabbiliment tal-livelli aktar baxxi li għandu jkun soġġett għall-implimentazzjoni tal-MAPP permezz ta' SMS.

Emenda 150
Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, *li tuża l-informazzjoni li tkun irċeviet mingħand l-operaturi skont l-Artikoli 6 u 9 jew permezz ta' spezzjonijiet skont l-Artikolu 19, tidentifika l-istabbilimenti kollha tal-livelli aktar baxxi u tal-livelli oġhla ta' stabbilimenti*, fejn il-probabbiltà u l-possibbiltà jew il-konsegwenzi ta' inċidenti kbar jistgħu jiżdiedu minħabba l-post u l-viċinanzi ta' stabbilimenti bħal dawn, kif ukoll l-inventarji tas-sustanzi perikolużi tagħhom.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti *tiġbor, u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operaturi, l-informazzjoni kollha dwar siti u żoni oħra, inklużi d-dettalji relatati mal-istabbilimenti fil-qrib, anke jekk huma esklużi mill-ambitu ta' din id-Direttiva*, fejn il-probabbiltà u l-possibbiltà jew il-konsegwenzi ta' inċidenti kbar jistgħu jiżdiedu minħabba l-post u l-viċinanzi ta' stabbilimenti bħal dawn, kif ukoll l-inventarji tas-sustanzi perikolużi tagħhom.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tirrikjedi li l-operatur jipprovdi, fil-qafas tan-notifika skont l-Artikolu 6, informazzjoni dwar l-istabbilimenti fil-qrib. Madankollu, l-operaturi m'għandhomx l-awtorità li jitolbu u jiksbu tali informazzjoni li, fost affarijiet oħra, tista' tiġi kkunsidrata kunfidenzjali jew industrijalment/kummerċjalment sensittiva. Għalhekk, nemmnu li għandha tkun ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti li jiġbru l-informazzjoni u jagħmluha disponibbli dwar l-istabbilimenti fil-qrib.

Emenda 151
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, li tuża l-informazzjoni li tkun irċeviet mingħand l-operaturi skont *l-Artikoli 6 u 9 jew permezz ta' spezzjonijiet skont l-Artikolu 19, tidentifika l-istabbilimenti kollha tal-livelli aktar baxxi u tal-livelli oġhla ta' stabbilimenti*, fejn il-probabbiltà u l-

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, li tuża l-informazzjoni li tkun irċeviet mingħand l-operaturi skont *l-Artikolu 6, l-Artikolu 8(1a) u l-Artikolu 9 jew permezz ta' spezzjonijiet skont l-Artikolu 19, tidentifika l-istabbilimenti kollha tal-livelli aktar baxxi u tal-livelli oġhla ta' stabbilimenti*, fejn il-probabbiltà

possibbiltà jew il-konsegwenzi ta' inċidenti kbar jistgħu jiżdiedu minħabba l-post u l-viċinanzi ta' stabbilimenti bħal dawn, kif ukoll l-inventarji tas-sustanzi perikolużi tagħhom.

u l-possibbiltà jew il-konsegwenzi ta' inċidenti kbar jistgħu jiżdiedu minħabba l-post u l-viċinanzi ta' stabbilimenti bħal dawn, kif ukoll l-inventarji tas-sustanzi perikolużi tagħhom, ***jew il-viċinanza ta' siti oħra.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konnessjoni mal-informazzjoni li tinkiseb mill-Istati Membri permezz tal-Artikolu 8(1a), kif propost mir-rapporteur fl-emenda 21, jeħtieġ li ssir fl-Artikolu 8(1). L-Artikolu 6(1)(g) b'mod ċar jirreferi wkoll għal siti mhux Seveso fil-kuntest tal-effetti domino, madankollu, ir-referenza korrispondenti għal tali siti hija nieqsa fl-Artikolu 8.

Emenda 152

Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) jikkooperaw billi jinfurmaw lill-pubbliku u lill-istabbilimenti fil-qrib li jaqgħu barra l-ambitu ta' din id-Direttiva, **u billi jipprovdu informazzjoni lill-awtorità responsabbli għall-preparazzjoni ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza.**

Emenda

b) jipprovdu informazzjoni lill-awtorità responsabbli għall-preparazzjoni ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza sabiex, permezz ta' dan, jiġu infurmati l-pubbliku u l-istabbilimenti fil-qrib li jaqgħu barra l-ambitu ta' din id-Direttiva .

Or. it

Emenda 153

Paolo Bartolozzi

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) jikkooperaw billi jinfurmaw lill-pubbliku u lill-istabbilimenti fil-qrib li jaqgħu barra l-ambitu ta' din id-Direttiva, **u billi jipprovdu informazzjoni lill-**

Emenda

b) jipprovdu informazzjoni lill-awtorità responsabbli sabiex tiġi faċilitata kemm il-kooperazzjoni mal-pubbliku u mal-istabbilimenti fil-qrib u **kemm il-**

awtorità responsabbli għall-preparazzjoni
ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza.

preparazzjoni ta' pjanijiet esterni ta'
emerġenza.

Or. it

Emenda 154
Daciana Octavia Sârbu, Rovana Plumb

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tikkunsidra l-effett domino meta tfassal pjanijiet esterni ta' emerġenza.

Or. en

Emenda 155
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) juri li l-perikli ta' inċidenti kbar u xenarji **possibbli** ta' inċidenti kbar ġew identifikati u ttieħdu l-miżuri xierqa biex jiġu evitati inċidenti bħal dawn kif ukoll sabiex jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;

(b) juri li l-perikli ta' inċidenti kbar u xenarji **kollha** ta' inċidenti kbar ġew identifikati u ttieħdu l-miżuri xierqa biex jiġu evitati inċidenti bħal dawn kif ukoll sabiex jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-operaturi għandhom jidentifikaw ix-xenarji ta' inċidenti kbar kollha rilevanti, u mhux uħud minnhom biss.

Emenda 156
Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) juri li l-pjanijiet interni ta' emerġenza ġew stabbiliti u jipprovdi informazzjoni biex ikun jista' jitfassal il-pjan estern ta' emerġenza;

Emenda

(d) juri li l-pjanijiet interni ta' emerġenza ġew stabbiliti **f'konsultazzjoni mill-qrib mal-ħaddiema**, u jipprovdi informazzjoni biex ikun jista' jitfassal il-pjan estern ta' emerġenza;

Or. en

Emenda 157
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) juri li l-pjanijiet interni ta' emerġenza ġew stabbiliti u jipprovdi informazzjoni biex ikun jista' jitfassal il-pjan estern ta' emerġenza;

Emenda

(d) juri li l-pjanijiet interni ta' emerġenza ġew stabbiliti **f'konsultazzjoni mill-qrib mal-ħaddiema** u jipprovdi informazzjoni biex ikun jista' jitfassal il-pjan estern ta' emerġenza;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-ħaddiema huma l-aktar probabbli li jiġu affettwati direttament minn inċident kbir, u jista' saħansitra jkollhom rwol ewlieni f'każijiet ta' emerġenza, jeħtieġ li jitfasslu pjanijiet interni ta' emerġenza f'konsultazzjoni mill-qrib mal-ħaddiema.

Emenda 158
Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għal stabbilimenti ġodda, perjodu ta' żmien raġonevoli qabel il-bidu tal-kostruzzjoni jew l-operat;

Emenda

(a) għal stabbilimenti ġodda, perjodu ta' żmien raġonevoli qabel il-bidu tal-kostruzzjoni jew l-operat, ***u mhux aktar tard minn meta japplikaw għall-permess għall-operat f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali.***

Or. en

Emenda 159
Sabine Wils

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operatur għandu jirrevedi u, fejn jeħtieġ, jaġġorna r-rapport dwar is-sikurezza wara li jseħħ inċident kbir.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Incident ovvjament jimplika reviżjoni tal-awtorizzazzjoni, imma f'kull każ ir-rapport dwar is-sikurezza għandu jiġi rivedut minħabba li l-ġestjoni tar-riskju prevista tiegħu ma jkunx jistħoqqilha l-għanijiet ta' prevenzjoni li għalihom tkun tfasslet.

Emenda 160
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rapport aġġornat dwar is-sikurezza għandu jintbagħat lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Dan ir-rekwiżit huwa sproporzjonat kemm għall-operaturi kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti u ma jwassalx għal xi kisba żejda fis-sikurezza.

Emenda 161

Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rapport aġġornat dwar is-sikurezza għandu jintbagħat lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

Emenda

Ir-rapport aġġornat dwar is-sikurezza għandu jintbagħat lill-awtorità kompetenti ***u għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva*** mingħajr dewmien.

Ġustifikazzjoni

Minħabba li r-rapport dwar is-sikurezza huwa dokument ewlieni li jaffettwa direttament is-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini, kull bidla li ssir fil-kontenut tiegħu għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr dewmien.

Emenda 162

Andres Perello Rodriguez

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) tikkomunika l-konklużjonijiet tal-eżami tagħha dwar ir-rapport tas-sikurezza lill-operatur,

Emenda

(a) tikkomunika l-konklużjonijiet tal-eżami tagħha dwar ir-rapport tas-sikurezza lill-operatur, ***jekk ikun meħtieġ, wara li tintalab aktar informazzjoni,***

Emenda 163
Edite Estrela

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi jimplimentaw l-MAPP permezz ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza li tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar u għall-komplessità tal-organizzazzjoni jew attivitajiet tal-istabbiliment.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-MAPP għandhom jiġu trasferiti għall-Artikolu 7 biex tittejjeb il-leġġibbiltà.

Emenda 164
Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. L-Istati Membri ***jistgħu*** jeħtieġu li stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi jimplimentaw l-MAPP permezz ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza li tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar u għall-komplessità tal-organizzazzjoni jew attivitajiet tal-istabbiliment.

7. L-Istati Membri ***għandhom*** jeħtieġu li stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi jimplimentaw l-MAPP permezz ta' sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza li tkun proporzjonata għall-perikli ta' inċidenti kbar u għall-komplessità tal-organizzazzjoni jew attivitajiet tal-istabbiliment.

Or. en

Emenda 165
Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ ta' modifika ta' stallazzjoni, stabbiliment, faċilità tal-ħażna, jew proċess jew fin-natura jew il-kwantità ta' sustanzi perikolużi li jista' jkollhom riperkussjonijiet **sinifikanti** fuq perikli ta' inċidenti kbar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur:

Emenda

F'każ ta' modifika ta' stallazzjoni, stabbiliment, faċilità tal-ħażna, jew proċess jew fin-natura jew il-kwantità ta' sustanzi perikolużi li jista' jkollhom riperkussjonijiet **serji** fuq perikli ta' inċidenti kbar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur:

Or. it

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' ċarezza, it-test jiġi allinjat mal-Artikolu 6(4)(b).

Emenda 166
Andres Perello Rodriguez

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-operatur jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, sabiex dawn ikunu jistgħu jfasslu pjanijiet esterni ta' emerġenza;

Emenda

(b) l-operatur jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti, **inkluż ir-rapport dwar is-sikurezza kif aċċettat mill-awtorità kompetenti**, sabiex dawn ikunu jistgħu jfasslu pjanijiet esterni ta' emerġenza;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtorità kompetenti teħtieġ l-informazzjoni li jkun fih ir-rapport dwar is-sikurezza fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji bħala l-punt ta' tluq sabiex tkun tista' tfassal il-pjan estern ta' emerġenza.

Emenda 167
Gaston Franco, Sophie Auconie

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) l-awtoritajiet maħtura għal dak il-għan mill-Istat Membru jfasslu pjan estern ta' emerġenza għall-miżuri li jridu jittieħdu barra l-istabbiliment fi żmien **sena** minn mindu dawn ikunu rċevew l-informazzjoni mill-operatur skont il-punt (b).

Emenda

c) l-awtoritajiet maħtura għal dak il-għan mill-Istat Membru jfasslu pjan estern ta' emerġenza għall-miżuri li jridu jittieħdu barra l-istabbiliment fi żmien **sentejn** minn mindu dawn ikunu rċevew l-informazzjoni mill-operatur skont il-punt (b).

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-iskadenza ta' sena mhijiex fattibbli minħabba n-natura tax-xogħol meħtieġ minħabba l-perjodu ta' żmien tal-proċedura li ma jistax jitqassar (xahrejn għall-konsultazzjoni pubblika, notifika, approvazzjoni...). Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva u għal dik ta' konsultazzjoni waħedhom jirrappreżentaw aktar minn 6 xhur

Emenda 168
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-awtoritajiet maħtura għal dak il-għan mill-Istat Membru jfasslu pjan estern ta' emerġenza għall-miżuri li jridu jittieħdu barra l-istabbiliment **fi żmien sena minn mindu dawn ikunu rċevew l-informazzjoni mill-operatur skont il-punt (b).**

Emenda

(c) l-awtoritajiet maħtura għal dak il-għan mill-Istat Membru jfasslu pjan estern ta' emerġenza għall-miżuri li jridu jittieħdu barra l-istabbiliment.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Minħabba li s-sitwazzjoni inizjali tista' tkun kumplessa, li mhux biss titlob spezzjonijiet tal-bini imma wkoll ftehimiet estensivi bejn l-awtoritajiet ikkonċernati u l-operaturi, mhuwiex possibbli li tinżamm l-iskadenza ta' sena biex l-awtoritajiet ifasslu l-pjan estern ta' emerġenza.

Emenda 169
Richard Seeber

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) għal stabbilimenti eżistenti, *sena* mid-data stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) sakemm il-pjan intern ta' emerġenza ma jkunx tfassal skont ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali f'dik id-data, u l-informazzjoni inkluża fih tkun konformi ma' dan l-Artikolu u tibqa' mhux mibdula.

Emenda

(b) għal stabbilimenti eżistenti, **18-il xahar** mid-data stipulata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) sakemm il-pjan intern ta' emerġenza ma jkunx tfassal skont ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali f'dik id-data, u l-informazzjoni inkluża fih tkun konformi ma' dan l-Artikolu u tibqa' mhux mibdula.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi tinbidel, l-operaturi għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex ifasslu jew jirrevedu l-pjan ta' emerġenza tagħhom.

Emenda 170
Richard Seeber

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) għal stabbilimenti sussegwenti, *sena* mid-data li fiha din id-Direttiva tkun tapplika għall-istabbiliment konċernat.

Emenda

(c) għal stabbilimenti sussegwenti, **18-il xahar** mid-data li fiha din id-Direttiva tkun tapplika għall-istabbiliment konċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi tinbidel, l-operaturi għandhom jingħataw biżżejjed żmien biex ifasslu jew jirrevedu l-pjan ta' emerġenza tagħhom.

Emenda 171
Gaston Franco, Sophie Auconie

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet esterni ta' emerġenza u interna jiġu analizzati, ***ittestjati u, fejn ikun meħtieġ, riveduti u aġġornati mill-operaturi u mill-awtoritajiet maħtura rispettivament*** f'intervalli xierqa ta' mhux aktar minn tliet snin. ***L-analiżi għandha tikkunsidra t-tibdiliet li jseħħu fl-istabbilimenti konċernati jew fis-servizzi tal-emerġenza konċernati, l-għarfien tekniku ġdid, u l-għarfien dwar ir-reazzjoni għal inċidenti kbar.***

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet esterni ta' emerġenza u interna jiġu analizzati ***u ttestjati*** f'intervalli xierqa ta' mhux aktar minn tliet snin. ***Fejn ikun meħtieġ, dawn il-pjanijiet għandhom jiġu riveduti u aġġornati mill-operaturi u mill-awtoritajiet maħtura rispettivament.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni attwali tagħti x'tifhem li l-aġġornament u r-reviżjoni jistgħu jkunu meħtieġa jsiru kull tliet snin, iżda dan għandu jiġi deċiż abbażi tal-konklużjonijiet tal-analiżi u tal-esperjenza fil-prattika.

Emenda 172
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom *jiżguraw* li l-għanijiet biex jiġu evitati inċidenti kbar u biex jiġu limitati l-konsegwenzi ta' inċidenti bħal dawn għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ***jiġu kkunsidrati*** fil-politiki tagħhom dwar l-użu tal-art jew politiki rilevanti oħra. Dawn għandhom isegwu dawk l-għanijiet permezz ta' verifiki fuq:

Emenda

L-Istati Membri għandhom *jiżguraw* li l-għanijiet biex jiġu evitati inċidenti kbar u biex jiġu limitati l-konsegwenzi ta' inċidenti bħal dawn għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ***jiġu implimentati*** fil-politiki tagħhom dwar l-użu tal-art jew politiki rilevanti oħra. Dawn għandhom isegwu dawk l-għanijiet permezz ta' verifiki fuq:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ippjanar tal-użu tal-art huwa kruċjali għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar. Il-ħtieġa għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar għalhekk għandha mhux biss tittieħed inkunsderazzjoni mill-Istati Membri, iżda għandha tiġi implimentata b' mod xieraq fil-politiki dwar l-użu tal-art jew f'politiki rilevanti oħra.

Emenda 173

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) żviluppi ġodda inklużi konnessjonijiet tat-trasport, postijiet frekwentati mill-pubbliku u żoni residenzjali qrib l-istabbilimenti eżistenti, fejn il-post jew l-iżviluppi jistgħu **jżidu** r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir.

Emenda

(c) żviluppi ġodda inklużi konnessjonijiet tat-trasport, postijiet frekwentati mill-pubbliku u żoni residenzjali qrib l-istabbilimenti eżistenti, fejn il-post jew l-iżviluppi jistgħu **jkunu s-sors ta' jew iżidu** r-riskju jew il-konsegwenzi ta' inċident kbir.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-siti mhux Sevso wkoll jistgħu jkunu s-sors ta' inċident kbir.

Emenda 174

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki tagħhom dwar l-użu tal-art jew politiki rilevanti oħra kif ukoll il-proċeduri sabiex jiġu implimentati dawk il-politiki **jikkunsidraw il-ħtieġa, fuq medda ta' żmien twil**.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li **mill-1 ta' Ġunju 2018** li l-politiki tagħhom dwar l-użu tal-art jew politiki rilevanti oħra kif ukoll il-proċeduri sabiex jiġu implimentati dawk il-politiki **jwettqu dan li ġej**:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Distanzi ta' sikurezza xierqa, pereżempju minn żoni residenzjali, il-protezzjoni ta' żoni ta' sensitività partikolari jew il-miżuri tekniċi għall-kontroll tar-riskju, ma jistgħux ikunu biss xi ħaġa li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni xi darba fil-futur imbiegħed. Dawn huma objettivi ewlenin li għalihom jeħtieġ li tiġi stabbilita skadenza ċara. L-Istati Membri għandhom jew joħolqu d-distanzi meħtieġa, jew fejn ikun possibbli, jiżguraw li l-operaturi jċekknu l-operat tagħhom jew jieħdu l-miżuri tekniċi meħtieġa biex tiġi żgurata s-sikurezza.

Emenda 175 Sergio Berlato

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jinżammu distanzi ta' sikurezza xierqa bejn l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva u żoni residenzjali, bini u żoni pubbliċi, rotot ewlenin tat-trasport safejn ikun possibbli, u żoni ta' mistrieħ;

Emenda

(a) li jinżammu distanzi ta' sikurezza xierqa, **fejn ikun meħtieġ**, bejn l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva u żoni residenzjali, bini u żoni pubbliċi, rotot ewlenin tat-trasport safejn ikun possibbli, u żoni ta' mistrieħ;

Or. it

Ġustifikazzjoni

Ir-referenzi għal “distanzi ta' sikurezza xierqa” u għal “miżuri tekniċi addizzjonali” għandhom sinifikat ambigwu li jista' jirriżultaw f'obbligi eċċessivi għall-operaturi. Għalhekk, nipproponu li tiżdied “fejn ikun meħtieġ” fiż-żewġ każijiet.

Emenda 176 Holger Kraemer

Proposta għal direttiva Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) **li jiproteġu** żoni ta' sensitività jew interess naturali partikolari **qrib l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva, permezz ta' distanzi ta' sikurezza xierqa jew miżuri xierqa oħra fejn ikun meħtieġ;**

Emenda

(b) **Biex jinżammu d-distanzi ta' sikurezza xierqa bejn l-istabbilimenti koperti b'din id-direttiva u ż-żoni** ta' sensitività jew interess naturali partikolari;

Ġustifikazzjoni

Fil-punt (c) diġà ntqal li m'għandu jkun hemm l-ebda żieda fir-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Ma jeħtieġx li dan ir-rekwiżit jiġi estiż għal "distanzi ta' sikurezza xierqa" mingħajr ma ssir referenza għad-distanzi ta' sikurezza eżistenti (bil-kelma "jinżammu") f'dak li jirrigwarda l-aspetti tekniċi ta' sikurezza u dan ifisser leġiżlazzjoni severament stretta.

Emenda 177**Cristina Gutiérrez-Cortines****Proposta għal direttiva****Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

2a. Bil-għan li tippoteġi s-saħħa tal-bniedem, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, id-distanzi minimi obbligatorji bejn l-istabbilimenti koperti b'din id-Direttiva u ż-żoni elenkati fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll taġġorna l-linji gwida ppubblikati fl-2006, dwar il-kompatibbiltà bejn l-istabbilimenti koperti bid-Direttiva 96/82/KE u ż-żoni elenkati fil-paragrafu 1, bil-ħsieb li tadattahom għall-progress tekniku u għal-liġi l-ġdida fis-seħħ fl-UE.

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiġu stabbiliti kriterji ċari u mhux ambigwi għall-prevenzjoni ta' inċidenti li jikkawżaw ħsara fid-djar, f'żoni pubbliċi u f'żoni ta' rikreazzjoni.

Emenda 178**Oreste Rossi****Proposta għal direttiva****Artikolu 13 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull sena.***

Emenda

1. ***L-informazzjoni msemmija fl-Anness V għandha tiġi riveduta kull tliet snin u, jekk ikun meħtieġ, titqassam u tiġi aġġornata għall-anqas kull darba li tiġi modifikata skont l-Artikolu 10. Din hija disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-intervall massimu tat-tqassim tal-informazzjoni lill-poplu, bl-ebda mod ma jista' jaqbeż il-ħames snin.***

Or. it

Ġustifikazzjoni

(Ara l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 96/82/KE ("Seveso II").)

Emenda 179
Paolo Bartolozzi

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull sena.***

Emenda

1. ***Din l-informazzjoni għandha tiġi riveduta kull tliet snin u, jekk ikun meħtieġ, titqassam u tiġi aġġornata għall-anqas kull darba li tiġi modifikata skont l-Artikolu 10. Din hija disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti. L-intervall massimu tat-tqassim tal-informazzjoni lill-poplu, bl-ebda mod ma jista' jaqbeż il-ħames snin. L-informazzjoni fiha għall-anqas id-dejta msemmija fl-Anness V.***

Or. it

Emenda 180
Miroslav Ouzký

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li** l-informazzjoni msemmija fl-Anness V **tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku**. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas **kull sena**.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom **jorganizzaw** l-informazzjoni msemmija fl-Anness V **bil-ħsieb tat-tixrid attiv u sistematiku lill-pubbliku**. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas **kull tliet snin**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-leġiżlazzjoni ta' Aarhus u r-Regolament ta' Trasparenza huma maħsuba għat-tixrid attiv tal-informazzjoni iżda fl-ebda minnhom ma jintalab li l-informazzjoni tkun disponibbli b'mod permanenti. Ir-reviżjoni u l-aġġornament ta' kull sena jfissru piż żejjed għall-operaturi – mingħajr ma jkun ta' benefiċċju għall-pubbliku kkonċernat f'dak li jirrigwarda t-teknoloġija tas-sikurezza. L-emenda tirrifletti r-regolament eżistenti, li huwa allinjat mal-perjodu ta' 5 snin issuġġerit għall-aġġornament tal-istess informazzjoni f'dak li jikkonċerna l-istabbilimenti li jagħtu servizz lill-pubbliku.

Emenda 181

Pavel Poc

**Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull sena.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku, **mingħajr restrizzjonijiet**. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull sena.

Or. en

Emenda 182

Elisabetta Gardini, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull **sena**.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas **darba** kull **ħames snin**.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Kemm il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni ambjentali u kemm ir-Regolament ta' trasparenza (ir-Regolament 1049/2001) għandhom bħala skop it-tixrid attiv tal-informazzjoni, iżda fl-ebda minnhom ma jintalab li l-informazzjoni tkun disponibbli b'mod permanenti. Il-proposta għal emenda deskritta tirrifletti r-regolament eżistenti u hi allinjata għal ħames snin, l-aqwa żmien sabiex tiġi aġġornata l-istess informazzjoni.

Emenda 183
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata **mill-anqas kull** **sena**.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata **kull tliet snin**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reviżjoni u l-aġġornament ta' kull sena jfissru piż żejjed enormi fuq l-operaturi, mingħajr ma jkun ta' benefiċċju għall-pubbliku kkonċernat f'dak li jirrigwarda t-teknoloġija tas-sikurezza. Din l-emenda tirrifletti r-regolament eżistenti.

Emenda 184
Sophie Auconie

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas **kull sena**.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas **kull tliet snin**.

Or. fr

Emenda 185
Richard Seeber

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull **sena**.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull **sentejn**.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-awtoritajiet kompetenti, imma b'mod indirett għall-operaturi wkoll, il-frekwenza tar-reviżjoni, meta mqabbla mal-Artikolu 13(1)(2) tad-Direttiva "Seveso" eżistenti, m'għandhiex titnaqqas iżżejjed. Il-Kummissjoni ma tatx argumenti konvinċenti biex iżżid il-frekwenza b'sena, għalhekk sentejn ikunu kompromess tajjeb.

Emenda 186

Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull sena.

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli għall-pubbliku fuq bażi permanenti, inkluż f'format elettroniku. L-informazzjoni għandha tiġi riveduta u, fejn ikun meħtieġ, aġġornata mill-anqas kull sena. ***Fuq talba ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm informazzjoni ulterjuri u aktar dettaljata, li tmur lil hinn minn dik imsemmija fl-Anness V, u f'konformità mal-Artikolu 21 ta' din id-Direttiva, għad-dispożizzjoni ta' dik il-persuna.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità kif stabbiliti fl-Artikolu 21, l-aċċess għal dokumenti ulterjuri li mhumiex dawk imsemmijin fl-Anness V, bħar-rapport ta' spezzjoni kompleta mwettqa skont l-Artikolu 19, għandha tkun possibbli fuq talba ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika.

Emenda 187

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-istabbilimenti ***tal-livelli ogħla***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Emenda

Għall-istabbilimenti ***kollha***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ***bħala minimu***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni msemija fl-Artikolu 13(2) hija ta' importanza kruċjali għall-pubbliku. M'hemm l-ebda raġuni ġustifikabbli biex issir distinzjoni bejn l-istabbilimenti tal-livelli ogħla u l-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi fir-rigward ta' tali informazzjoni.

Emenda 188

Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-istabbilimenti ***tal-livelli ogħla***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Għall-istabbilimenti ***kollha***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni msemija fl-Artikolu 13 hija ta' importanza kruċjali għall-pubbliku u għalhekk l-istabbilimenti kollha għandhom jintalbu jipprovdu din l-informazzjoni.

Emenda 189

Åsa Westlund

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-istabbilimenti ***tal-livelli ogħla***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Għall-istabbilimenti ***kollha***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Or. en

Emenda 190

Sabine Wils

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla ***tal-livelli aktar baxxi***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni li tingħata lill-pubbliku m'għandhiex teskludi, fejn huwa disponibbli, l-inventarju ta' sustanzi perikolużi għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi wkoll.

Emenda 191

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

b) ir-rapport dwar is-sikurezza jkun disponibbli għall-pubbliku fuq talba soġġett għall-Artikolu 21(3); ***fejn l-Artikolu 21(3) japplika, rapport emendat fil-forma ta' sommarju mhux tekniku, li għandu jinkludi tal-anqas informazzjoni ġenerali dwar il-perikli ta' inċidenti kbar, l-effetti potenzjali u l-imġiba meħtieġa f'każ ta' inċident, għandu jkun disponibbli;***

b) ir-rapport dwar is-sikurezza jkun disponibbli għall-pubbliku fuq talba soġġett għall-Artikolu 21(3);

Or. en

(B'rabta mal-emenda magħmula mill-istess awturi li jinserixxu sommarju mhux tekniku tar-rapport dwar is-sikurezza għall-Parti I tal-Anness V (għandha il-votazzjoni dwar dawn it-tnejn għandha ssir f'daqqa).

Ġustifikazzjoni

Skont il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni, il-livell ta' protezzjoni jista' jiżdied bil-qawwi bi prezz komparattivament baxx billi s-sommarji mhux tekniċi tar-rapporti dwar is-sikurezza, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku onljani.

Emenda 192

Antonyia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) l-inventarju ta' sustanzi perikolużi jkun disponibbli għall-pubbliku *konċernat, fuq talba, soġġett għall-Artikolu 21(3).*

Emenda

c) l-inventarju ta' sustanzi perikolużi jkun disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 13 hija ta' importanza kruċjali, l-inventarju ta' sustanzi perikolużi għandu jitqassam b'mod attiv lill-pubbliku.

Emenda 193

Sabine Wils

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) l-inventarju ta' sustanzi perikolużi jkun disponibbli għall-pubbliku *konċernat, fuq talba, soġġett għall-Artikolu 21(3).*

Emenda

c) l-inventarju ta' sustanzi perikolużi jkun disponibbli għall-pubbliku *f'parti speċifika tal-inventarju prevista fir-Regolament CLP.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u m'għandhiex tkun soġġetta għal restrizzjonijiet: skont ir-regolamenti REACH u CLP, l-inventarji għandhom ikunu disponibbli permezz tal-bażi tad-dejta tal-ECHA.

Emenda 194

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

c) l-inventarju ta' sustanzi perikolużi jkun disponibbli għall-pubbliku ***konċernat, fuq talba, soġġett għall-Artikolu 21(3)***.

c) l-inventarju ta' sustanzi perikolużi jkun disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inventarju ta' sustanzi perikolużi għandu jkun disponibbli onlajn.

Emenda 195

Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva

Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-informazzjoni li trid tiġi pprovduta taħt il-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha tinkludi minn tal-anqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness V. Dik l-informazzjoni trid tiġi pprovduta wkoll ***lill-istabbilimenti*** kollha li jservu lill-pubbliku, inklużi skejjel u sptarijiet, u lill-istabbilimenti kollha fil-qrib ***fil-każ tal-istabbilimenti*** koperti bl-Artikolu 8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi pprovduta u li din tiġi riveduta u aġġornata regolarment tal-anqas kull ***ħames snin***.

L-informazzjoni li trid tiġi pprovduta taħt il-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandha tinkludi minn tal-anqas l-informazzjoni msemmija fl-Anness V. Dik l-informazzjoni trid tiġi pprovduta wkoll ***lill-entitajiet*** kollha li jservu lill-pubbliku, inklużi skejjel u sptarijiet, u lill-istabbilimenti kollha fil-qrib ***jew is-siti*** koperti bl-Artikolu 8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tiġi pprovduta u li din tiġi riveduta u aġġornata regolarment tal-anqas kull ***sena***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu “stabbiliment” għandu definizzjoni speċifika fil-kuntest ta' din id-Direttiva u m'għandux jintuża għal entitajiet oħra. L-aġġornamenti għandhom isiru ta' kull sena u mhux kull ħames snin biss inkella hemm ir-riskju li l-informazzjoni tkun għalkollox barra minn żmienha.

Emenda 196
Carl Schlyter, Michèle Rivasi

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. It-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-informazzjoni msemmija fil-punt 2(a) għandha tingħata b'mod espliċitu mingħajr ma ssir talba speċifika, għalhekk mhuwiex korrett li tintuża l-frażi "Talbiet għall-aċċess" f'dan il-paragrafu. L-emenda 17 imressqa mir-rapporteur toħloq konfużjoni żejda, minħabba li tirreferi wkoll għall-paragrafu 1, li għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod permanenti. L-ewwel u qabel kollox, dan il-paragrafu mhuwiex meħtieġ minħabba li d-dispożizzjoni rilevanti fir-rigward tal-kunfidenzjalità hija koperta bl-Artikolu 21.

Emenda 197
Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. It-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. It-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) għandhom jiġu ttrattati skont l-Artikoli 3, ~~4~~ u 5 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. it

Emenda 198
Miroslav Ouzký

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. It-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) għandhom jiġu ttrattati skont ***l-Artikoli 3 u 5*** tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda

3. It-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) għandhom jiġu ttrattati skont ***mill-Artikoli 3 sa 5*** tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4 fi h eċċezzjonijiet għad-dritt li tinkiseb informazzjoni ambjentali u huwa kruċjali minħabba li juri l-limitazzjonijiet ta' dan id-dritt. Biex ma nsemmux li l-eċċezzjonijiet għal dritt jagħtu l-impressjoni li d-dritt mhux limitat, li mhux il-każ, minħabba li għandu jinstab bilanċ bejn l-aċċess għall-informazzjoni u l-kunfidenzjalità jew pereżempju l-privatezza tad-dejta.

Emenda 199

Antonia Parvanova, Vladko Todorov Panayotov, Corinne Lepage, Åsa Westlund

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Meta l-Istat Membru konċernat ikun iddeċieda li stabbiliment qrib it-territorju ta' Stat Membru ieħor ma jkunx jista' joħloq periklu ta' inċident kbir lil hinn mill-konfini tiegħu għall-finijiet tal-Artikolu 11(6) u, għalhekk, ma jkunx meħtieġ li jipproduċi pjan estern ta' emerġenza skont l-Artikolu 11(1), dan għandu jinforma lill-Istat Membru l-ieħor.

Emenda

5. Meta l-Istat Membru konċernat ikun iddeċieda li stabbiliment qrib it-territorju ta' Stat Membru ieħor ma jkunx jista' joħloq periklu ta' inċident kbir lil hinn mill-konfini tiegħu għall-finijiet tal-Artikolu 11(6) u, għalhekk, ma jkunx meħtieġ li jipproduċi pjan estern ta' emerġenza skont l-Artikolu 11(1), dan għandu jinforma lill-Istat Membru l-ieħor ***b'dik id-deċiżjoni u bir-raġunijiet tiegħu għala ħa dik id-deċiżjoni.***

Or. en

Emenda 200

Elisabetta Gardini, Oreste Rossi, Sergio Berlato

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Konsultazzjoni *u parteċipazzjoni* pubblika
fit-teħid tad-deċiżjonijiet

Konsultazzjoni pubblika

Or. it